



*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2021/0170(COD)**

18.3.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
(COM(2021)0346 – C9-0245/2021 – 2021/0170(COD))

Rapporteur għal opinjoni: René Repasi

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### I. Introduzzjoni

Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti (DSĠP) daħlet fis-seħħ fl-2001. Għalkemm hija wieħed mill-istruimenti ta' leġiżlazzjoni ċentrali li jiġura li l-prodotti kollha mhux tal-ikel offruti lill-konsumaturi fis-suq tal-UE huma sikuri, id-Direttiva dwar is-Sigurtà tal-Prodotti saret antikwata u jeħtieġ li tiġi riveduta sabiex tīgi għarantita s-sikurezza tal-konsumaturi Ewropej. Hemm tliet xejriet ċentrali li trid tqis ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti: l-ewwel nett, id-diġitalizzazzjoni u l-interkonnattività tal-prodotti qed joħolqu sfidi ġodda għas-sigurtà u s-sikurezza, it-tieni nett, il-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi fix-xiri tal-prodotti u, it-tielet nett, bidliet fil-ktajjen tal-provvista u fil-mezzi tad-distribuzzjoni sakemm prodott jasal għand il-konsumaturi.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea peress li tipprovdi punti tat-tluq ċari għad-dibattit dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-isfidi għas-sikurezza tal-prodotti u tal-konsumaturi. Madankollu, mill-perspettiva tar-rapporteur, ċerti suġġetti u oqsma għadhom ma ġewx trattati. Għalhekk, hija l-intenzjoni tar-rapporteur li jsaħħaħ it-test leġiżlattiv propost u jaġhti kontribut dwar kif ir-Regolament dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti għandu jindirizza dawn l-isfidi. L-ideat ewlenin huma li l-konsumaturi jinżammu sikuri u li jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji fis-Suq Uniku kollu fir-rigward tar-rekwiżiti u l-obbligli li jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti.

### II. Aspetti ewlenin tal-abbozz ta' opinjoni

#### L-iżgurar li r-Regolament dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti (GPSR) iservi ta' xibka ta' sikurezza ġenerali

Id-DSĠP attwali taġixxi bħala xibka ta' sikurezza fejn hemm lakuni fir-rigward tas-sikurezza fil-qafas Ewropew dwar is-sikurezza tal-prodotti. Il-proposta għal GPSR hija inqas ambizzju f'dan ir-rigward. Hija tistabbilixxi r-rekwiżit tas-sikurezza u l-valutazzjoni tar-riskju għall-prodotti kollha li għalihom ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni. Fl-istess ħin, taħdem bħala xibka ta' sikurezza jekk il-leġiżlazzjoni armonizzata tīgi riveduta. Ir-rapporteur jaġħmel proposti biex tissahħħah il-funzjoni ta' xibka ta' sikurezza tal-GPSR u biex jiġi żgurat qafas leġiżlattiv wiesa' li jiggħarantixxi s-sikurezza tal-prodotti kollha fis-Suq Uniku, speċjalment fejn ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni.

#### Prodotti moderni

Id-DSĠP ġiet konkluża fi żmien meta l-prodotti li jinkorporaw l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Internet tal-Oġġetti kienu rari. Żviluppi bħal dawn jippreżentaw sfida għad-definizzjoni attwali tal-prodotti u joħolqu riskji ġodda jew jibdlu l-mod kif jistgħu jimmaterjalizzaw ir-riskji eżistenti, ħaġa li għandha tīgi riflessa u meqjusa kif xieraq. Minħabba l-karattru ġenerali tar-rekwiżit ta' sikurezza tal-GPSR, stabilit hawn fuq, ir-rapporteur jipproponi żidiet mal-kriterji ta' valutazzjoni tas-sikurezza għall-evalwazzjoni tal-konformità tal-prodotti li għandhom l-IA inkorporata, li huma interkonnessi jew li fihom software, sabiex ma jkunx hemm lakuni fir-regolamentazzjoni ta' dawn il-prodotti moderni fil-qafas tas-sikurezza tal-prodotti tal-UE u biex il-konsumaturi jkollhom is-salvagħwardji meħtieġa biex jiżgħaraw is-sikurezza tagħhom. Barra minn hekk, ir-rapporteur jissuġġerixxi li l-prodotti li jkunu ġew immodifikati sostanzjalment matul il-ħajja tagħhom tista' ssirilhom valutazzjoni tar-riskju ġidha.

#### Ħarsien tal-konsumaturi fis-swiegħ online

Mill-2001 'l hawn, il-konsumaturi bdew jixtru dejjem aktar online, fejn ma jistgħux jesperjenzaw prodott fiżikament. Bil-ħolqien tas-swieq online, l-esperjenzi tax-xiri fuq pjattaformi tal-media soċjali u l-opportunitajiet aħjar ta' kunsinna diretta minn pajiżi terzi, jeżistu sfidi ġodda għas-sikurezza tal-prodotti u tal-konsumaturi. L-importazzjonijiet diretti, b'mod speċjali, wasslu għal żieda fil-prodotti mhux armonizzati li mhumiex sikuri fis-suq Ewropew. Sabiex jindirizza din is-sitwazzjoni, ir-rapporteur jipproponi diversi bidliet għall-proposta inizjali, fost l-oħrajn, li jappellaw għal obbligi ċari għall-fornituri ta' swieq online u għall-kummerċjanti online. Element importanti għas-sikurezza tal-konsumaturi huwa disponibbiltà ta' prodotti perikolużi fis-suq. Għalhekk, is-swieq online sejkollhom jikkontrollaw u jivverifikaw l-informazzjoni mogħtija mill-kummerċjanti bħall-informazzjoni ta' kuntatt jew tal-manifattur u d-dettalji dwar is-sikurezza tal-prodotti, u b'hekk tiġi evitata disponibbiltà ta' informazzjoni falza jew mhux kompluta għall-konsumaturi u jiġi evitat il-bejgħ ta' prodotti perikolużi. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-konsumaturi online, jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet konkreti biex jiġi żgurat li ma jiġux offruti prodotti perikolużi, kemm permezz ta' rispons rapidu għal ordni minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, wara avviż maħruġ f'konformità mas-sistema ta' avviż u azzjoni tad-DSA jew permezz ta' obbligi li jimpedixxu li prodotti perikolużi, ladarba jitneħħew, jerġgħu jiġu offruti lill-konsumaturi. Dawn ir-regoli se jiżguraw bilanċ ġust bejn l-atturi differenti fil-katina tal-provvista filwaqt li jappoġġjaw ukoll il-fiduċja tal-konsumaturi u jħarsu s-sikurezza tagħhom. Huma biss il-prodotti sikuri li jistgħu jħeġġu lill-konsumaturi jixtru prodotti fis-Suq Uniku online u offline. Għaldaqstant, is-sikurezza tal-prodotti hija element ċentrali biex jiġi żgurati Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb u l-benesseri tal-konsumaturi.

### ***III. Konklużjoni***

Ir-rapporteur jipproponi numru ta' bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni bħala punt tat-tluq ġhal aktar riflessjoni u modifikazzjonijiet li għandhom isiru tul il-proċess leġiżlattiv fil-Parlament.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-għan ta' dan l-istrument huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 169 tat-Trattat. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkollu l-għan li jiżgura s-saħħha u s-sikurezza tal-

*Emenda*

(4) L-għan ta' dan l-istrument huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 169 tat-Trattat. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkollu l-għan li jiżgura s-saħħha u s-sikurezza tal-

konsumaturi u ***l-funzjonament*** tas-suq intern fir-rigward tal-prodotti maħsuba għall-konsumaturi.

konsumaturi, *jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, inkluż billi jippromwovi d-dritt tal-konsumaturi għall-informazzjoni, u jtejjeb il-funzjonament* tas-suq intern fir-rigward tal-prodotti maħsuba għall-konsumaturi.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) Dan ir-Regolament jirrimedja l-bilanċ bejn l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, minn naħħa waħda, u t-titjib tal-funzjonament tas-suq intern, min-naħħa l-oħra, fi klima ta' kompetittività u kompetizzjoni ġusta, mingħajr ma jipponi piżżejiet amministrattivi u finanzjarji mhux raġonevoli fuq in-negozji Ewropej.**

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jipproteġi lill-konsumaturi u s-sikurezza tagħhom bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-qafas legali tal-UE, stabbilit fil-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-UE. Prodotti perikolużi jista' jkollhom konsegwenzi negattivi ħafna fuq il-konsumaturi u c-ċittadini. Il-konsumaturi kollha, inkluż dawk l-aktar vulnerabbi, bħat-tfal, l-anzjani jew il-persuni b'diżabilità, għandhom id-dritt għal prodotti sikuri. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezzi suffċienti biex jinfurzaw dawn id-drittijiet, u l-Istati Membri għandu

*Emenda*

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jipproteġi lill-konsumaturi u s-sikurezza tagħhom bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-qafas legali tal-UE, stabbilit fil-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-UE. Prodotti ***mhux tal-ikel*** perikolużi jista' jkollhom konsegwenzi negattivi ħafna fuq il-konsumaturi u c-ċittadini. Il-konsumaturi kollha, inkluż dawk l-aktar vulnerabbi, bħat-tfal, l-anzjani jew il-persuni b'diżabilità, għandhom id-dritt għal prodotti sikuri. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezzi suffċienti biex jinfurzaw dawn id-drittijiet, u l-Istati

jkollhom strumenti u miżuri adegwati għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurzaw dan ir-Regolament.

Membri għandu jkollhom strumenti u miżuri adegwati għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurzaw dan ir-Regolament.

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) It-tfal huma partikolarment esposti għal riskji relatati mal-prodotti. Mill-prodotti kollha nnotifikati bħala perikolużi fis-sistema tas-Safety Gate fl-2020, mhux inqas minn 29 % minnhom kienu ġugarelli jew prodotti għall-kurat-tat-tfal. Għal din ir-raġuni, huma meħtieġa rekwiżiti ta' sikurezza b'saħħithom għall-istandard dwar il-prodotti għat-tfal.*

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) Minkejja l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni speċifika għas-settur li tindirizza l-aspetti tas-sikurezza ta' prodotti speċifiċi jew kategoriji tal-prodotti, huwa prattikament imposibbli li tiġi adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal kull proddott għall-konsumatur li jeżisti jew li jista' jiġi żviluppat. Għaldaqstant hemm bżonn ta' qafas leġiżlattiv ta' natura orizzontali li jimla l-lakuni u jiżgura protezzjoni tal-konsumatur li mhux żgurata mod ieħor, b'mod partikolari bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħha tal-konsumaturi, kif meħtieġ mill-Artikolu 114 u l-Artikolu 169 tat-Trattat.

(6) Minkejja l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni speċifika għas-settur li tindirizza l-aspetti tas-sikurezza ta' prodotti speċifiċi jew kategoriji tal-prodotti, huwa prattikament imposibbli li tiġi adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal kull proddott għall-konsumatur li jeżisti jew li jista' jiġi żviluppat. Għaldaqstant hemm bżonn ta' qafas leġiżlattiv *wiesa'* ta' natura orizzontali li jimla l-lakuni **tal-leġiżlazzjoni speċifika eżistenti** u jiżgura **livell għoli ta'** protezzjoni tal-konsumatur li mhux żgurata mod ieħor, b'mod partikolari bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħha tal-konsumaturi, kif

meħtieġ mill-Artikolu 114 u 1-Artikolu 169 tat-Trattat.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Filwaqt li xi wħud mid-dispożizzjonijiet bħal dawk li jikkonċernaw il-biċċa l-kbira tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li ma japplikawx għal prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni peress li digħi huma koperti ftali leġiżlazzjoni, jenħtieġ li japplika ġertu għadd ta' dispożizzjonijiet oħrajn sabiex tīgi kkomplementata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. B'mod partikolari, ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodott u d-dispożizzjonijiet relatati jenħtieġ li jkunu applikabbli għall-prodotti għall-konsumatur koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta ċerti tipi ta' riskji ma jkunux **koperti** minn dik il-leġiżlazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-obbligi tas-swieq online, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fkaż ta' inċidenti, id-dritt għall-informazzjoni għall-konsumaturi kif ukoll is-sejħa lura tal-prodotti għall-konsumatur jenħtieġ li japplikaw għal prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi bl-istess objettiv ftali leġiżlazzjoni. Bl-istess mod, ir-RAPEX digħi qed tintuża għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, għalhekk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-Safety Gate u l-funzjonament tagħha li jinsabu f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu applikabbli

##### *Emenda*

(8) Filwaqt li xi wħud mid-dispożizzjonijiet bħal dawk li jikkonċernaw il-biċċa l-kbira tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li ma japplikawx għal prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni peress li digħi huma koperti ftali leġiżlazzjoni, jenħtieġ li japplika ġertu għadd ta' dispożizzjonijiet oħrajn sabiex tīgi kkomplementata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. B'mod partikolari, ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodott u d-dispożizzjonijiet relatati jenħtieġ li jkunu applikabbli għall-prodotti għall-konsumatur koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta ċerti tipi ta' riskji ma jkunux **irregolati b'mod spċificu u adegwat** minn dik il-leġiżlazzjoni. **Meta dan ikun qed jiġi vvalutat, jenħtieġ li jitqiesu l-aspetti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti deskritti fl-Artikolu 7.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-obbligi tas-swieq online, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fkaż ta' inċidenti, id-dritt għall-informazzjoni għall-konsumaturi kif ukoll is-sejħa lura tal-prodotti għall-konsumatur jenħtieġ li japplikaw għal prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi bl-istess objettiv ftali leġiżlazzjoni. Bl-istess mod, ir-RAPEX digħi qed tintuża għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u

għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

tal-Kunsill<sup>25</sup>, għalhekk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-Safety Gate u l-funzjonament tagħha li jinsabu f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu applikabbli għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

---

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, li jistabbilixxu r-regoli ta' kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, digħi huma direttament applikabbli għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u mhijiex l-intenzjoni ta' dan ir-Regolament li jimmodifika tali dispożizzjonijiet. L-istabbiltà tal-ewwel hija partikolarment importanti meta jitqies il-fatt li l-awtoritajiet responsabbi minn dawn il-kontrolli (li fi kważi l-Istati Membri kollha huma l-awtoritajiet doganali) għandhom iwettquhom abbażi tal-analiżi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni), il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni u l-gwida korrispondenti. Dan l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa kruċjali għall-kontrolli doganali minħabba l-volumi sostanzjali ta' merkanzija li tidħol u toħroġ mit-territorju doganali u jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll konkreti skont il-prioritajiet identifikati. Il-

*Emenda*

(9) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, li jistabbilixxu r-regoli ta' kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, digħi huma direttament applikabbli għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u mhijiex l-intenzjoni ta' dan ir-Regolament li jimmodifika tali dispożizzjonijiet. L-istabbiltà tal-ewwel hija partikolarment importanti meta jitqies il-fatt li l-awtoritajiet responsabbi minn dawn il-kontrolli (li fi kważi l-Istati Membri kollha huma l-awtoritajiet doganali) għandhom iwettquhom abbażi tal-analiżi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni), il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni u l-gwida korrispondenti. Dan l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa kruċjali għall-kontrolli doganali minħabba l-volumi sostanzjali ta' merkanzija li tidħol u toħroġ mit-territorju doganali u jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll konkreti skont il-prioritajiet identifikati. Il-

fatt li r-Regolament ma jimmodifika bl-ebda mod il-Kapitolu VII tar-Regolament 2019/1020, b'referenza diretta għall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stabbilit fil-leġiżlazzjoni doganali, ifisser li fil-prattika l-awtoritajiet responsabbi mill-kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni (inklużi l-awtoritajiet doganali) jenħtieġ li jillimitaw il-kontrolli tagħhom għall-prodotti l-aktar riskjużi, skont il-probabbiltà u l-impatt tar-riskju, u b'hekk jiżguraw l-effettività u l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom kif ukoll il-protezzjoni tal-kapaċità tagħhom li jwettqu tali kontrolli.

fatt li r-Regolament ma jimmodifika bl-ebda mod il-Kapitolu VII tar-Regolament 2019/1020, b'referenza diretta għall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stabbilit fil-leġiżlazzjoni doganali, ifisser li fil-prattika l-awtoritajiet responsabbi mill-kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni (inklużi l-awtoritajiet doganali) jenħtieġ li jillimitaw il-kontrolli tagħhom għall-prodotti l-aktar riskjużi, skont il-probabbiltà u l-impatt tar-riskju, u b'hekk jiżguraw l-effettività u l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom kif ukoll il-protezzjoni tal-kapaċità tagħhom li jwettqu tali kontrolli. *Minħabba l-għadd dejjem jikberta' prodotti importati, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fl-użu tal-kummerċ elettroniku, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali hija kruċjali sabiex jiġi evitat li prodotti mhux sikuri jidħlu fis-suq intern. Għalhekk, huma meħtieġa aktar riżorsi finanzjarji u umani għal dawn l-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli sabiex jiżguraw is-sikurezza tal-konsumatur u jwettqu sew il-kompiji tagħhom u sabiex jiżguraw is-sikurezza tal-konsumatur.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Meta jitqies ukoll l-ambitu wiesa' mogħti lill-kunċett tas-saħħha<sup>26</sup>, ir-riskju ambjentali *kkawżat* minn prodott jenħtieġ li *jitqies* fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament peress li fl-aħħar mill-aħħar *jista' jirriżulta wkoll* friskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi.

#### *Emenda*

(11) Meta jitqies ukoll l-ambitu wiesa' mogħti lill-kunċett tas-saħħha<sup>26</sup>, ir-riskju ambjentali *kif ukoll il-perikli għas-sikurezza, bħar-reżistenza fiżika u mekkanika, il-fjammabbiltà, il-proprietajiet kimiċi, elettriċi jew bijoloġiċi, l-iġjene u r-radjuattività, ikkawżati* minn prodott jenħtieġ li *jitqiesu* fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament peress li fl-aħħar mill-aħħar *jistgħu jirriżultaw ukoll* friskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi.

---

<sup>26</sup> Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Healthy environment, healthy lives: how the environment influences health and well-being in Europe", ir-rapport tal-EEA Nru 21/2019, it-8 ta' Settembru 2020.

---

<sup>26</sup> Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Healthy environment, healthy lives: how the environment influences health and well-being in Europe", ir-rapport tal-EEA Nru 21/2019, it-8 ta' Settembru 2020.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 13

*Test propos mill-Kummissjoni*

(13) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel, l-għalf u oqsma relatati tistabbilixxi sistema spċċifika li tiżgura s-sikurezza tal-prodotti koperti minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-ikel u l-għalf jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament **bl-eċċeżżjoni** ta' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu fkuntatt mal-ikel **sa** fejn ikunu kkonċernati r-riskji li mhumiex koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup> jew minn leġiżlazzjoni oħra spċċifika għall-ikel li tkopri biss ir-riskji kimiċi u bijoloġiċi relatati mal-ikel.

*Emenda*

(13) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel, l-għalf u oqsma relatati tistabbilixxi sistema spċċifika li tiżgura s-sikurezza tal-prodotti koperti minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-ikel u l-għalf jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. **Ir-regolamentazzjoni** ta' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu fkuntatt mal-ikel **hija koperta mill-GPSR** fejn ikunu kkonċernati **l-aspetti u r-riskji li mhumiex digħi** koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup> jew minn leġiżlazzjoni oħra spċċifika għall-ikel li tkopri biss ir-riskji kimiċi u bijoloġiċi relatati mal-ikel.

---

<sup>27</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu fkuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

---

<sup>27</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu fkuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 16

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għal prodotti użati jew għal prodotti li jiġu msewwija, rinnovati jew riċiklati li jerġgħu jidħlu fil-katina tal-provvista matul attivitā kummerċjali, ħlief għal dawk il-prodotti li għalihom il-konsumatur ma jistax jistenna b'mod raġonevoli li jissodisfaw l-istandard tas-sikurezza tal-ogħla livell, bħall-antikitajiet jew il-prodotti li jiġu ppreżentati bħala li għandhom jiġu msewwija jew rinnovati.

### *Emenda*

(16) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għal prodotti użati jew għal prodotti li jiġu msewwija, rinnovati jew riċiklati li jerġgħu jidħlu fil-katina tal-provvista matul attivitā kummerċjali, ħlief għal dawk il-prodotti li għalihom il-konsumatur ma jistax jistenna b'mod raġonevoli li jissodisfaw l-istandard tas-sikurezza tal-ogħla livell, bħall-antikitajiet jew il-prodotti li jiġu ppreżentati bħala li għandhom jiġu msewwija jew rinnovati. **L-attivitat jiet minn konsumatur għal konsumatur ma jissodisfaw ir-rekwiżit ta' attivitā kummerċjali u għalhekk jenħtieġ li jiġu eskużi minn dan ir-Regolament. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligli tas-swiegħ online skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.**

### **Emenda 11**

#### **Proposta għal regolament Premessa 20**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Teknoloġiji ġodda jikkawżaw ukoll riskji ġodda għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi jew ibiddlu l-mod kif jistgħu jimmaterjalizzaw ir-riskji eżistenti, bħal intervent estern ta' hacking ta' prodott jew li jbiddel il-karatteristiċi tiegħu.

### *Emenda*

(20) Teknoloġiji ġodda **għandhom mnejn** jikkawżaw ukoll riskji ġodda għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi jew ibiddlu l-mod kif jistgħu jimmaterjalizzaw ir-riskji eżistenti, bħal intervent estern ta' hacking ta' prodott jew li jbiddel il-karatteristiċi tiegħu **jew li jikkawża żbalji tas-software fil-programmi. It-teknoloġiji l-ġodda, bħal permezz ta' aġġornamenti tas-software, jistgħu jimmodifikaw sostanzjalment il-prodott oriġinali, li mbagħad jista' jiġi sottomess għal valutazzjoni tar-riskju ġdida.**

### **Emenda 12**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 21**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(21) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha tiddefinixxi s- "saħħha" bħala stat sħiħ ta' benesseri fíziku, mentali u soċjali u mhux biss bħala n-nuqqas ta' mard jew infermità. Din id-definizzjoni tappoġġa l-fatt li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda jista' jgħib riskji ġodda għas-saħħha tal-konsumaturi, bħal riskju psikoloġiku, riskji tal-iżvilupp, b'mod partikolari għat-tfal, riskji mentali, dipressjoni, it-telf tal-irqad, jew funzjoni mibdula tal-moħħ.

*Emenda*

(21) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha tiddefinixxi s- "saħħha" bħala stat sħiħ ta' benesseri fíziku, mentali u soċjali u mhux biss bħala n-nuqqas ta' mard jew infermità. Din id-definizzjoni tappoġġa l-fatt li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda jista' jgħib riskji ġodda għas-saħħha tal-konsumaturi, bħal riskju psikoloġiku, riskji tal-iżvilupp, b'mod partikolari għat-tfal, riskji mentali, dipressjoni, it-telf tal-irqad, jew funzjoni mibdula tal-moħħ. **Għalhekk, dawn l-aspetti jeħtieġ li jiġu inklużi fil-valutazzjonijiet tas-sikurezza tal-manifatturi u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, b'mod partikolari bil-ħsieb li tigħi vvalutata l-evoluzzjoni tar-riskji relatati mal-prodotti konnessi. Il-prodotti li jippreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħha mentali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom twissija li tinkludi rakkomandazzjonijiet xjentifiċċi rigward il-ħin tal-użu u r-riskji mġarrba f'każ li ma jiġux segwiti r-rakkomandazzjonijiet.**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23a (ġidida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(23a) Il-prodotti tamġibbli u intanġibbli, jew fil-forma ta' software inkorporat /installat minn qabel jew installat sussegwentement/ jew ta' software awtonomu, jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tas-software, jenħtieġ li jitqiesu debitament il-livelli differenti ta' obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament lejn negozji kbar u iżgħar li qed jiżviluppaw software, iżda wkoll lejn l-hekk imsejħa żviluppaturi**

*ta' "software liberu".*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Premessa 24

*Test propos mill-Kummissjoni*

(24) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkollhom obbligi li jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiżguraw livell ġholi ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li jagħmlu disponibbli, fis-suq, biss prodotti, li jkunu sikuri u li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni.

*Emenda*

(24) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkollhom obbligi ***proporzjonati*** li jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiżguraw livell ġholi ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, ***filwaqt li jiżguraw ukoll il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern***. L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li jagħmlu disponibbli, fis-suq, biss prodotti, li jkunu sikuri u li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni. ***Bil-ħsieb li jibbilanċjaw il-piżżejiet amministrattivi, l-għodod ta' informazzjoni diġitali għall-konsumatur jenħtieġ li jitħallew jintużaw biex jiġi żgurat mod sostenibbli ta' informazzjoni. Madankollu, fuq talba tal-konsumatur, l-informazzjoni rilevanti jenħtieġ li tingħata wkoll bla tħlas b'mod stampat.***

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Premessa 24a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(24a) Sabiex l-operaturi ekonomiċi li huma SMEs u mikronegozji jkunu jistgħu jlaħħqu mal-obbligi l-ġoddha imposti minn***

*dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdilhom linji gwida praktici u gwida mfassla apposta, pereżempju, mezz dirett biex jikkomunikaw ma' esperti f'każ li jkollhom mistoqsijiet.*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 26

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Is-swieq online għandhom rwol kruċjali fil-katina tal-provvista - billi jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jilħqu ġħadd indefinit ta' konsumaturi - u għalhekk ukoll fis-sistema tas-sikurezza tal-prodotti.

#### *Emenda*

(26) Is-swieq online għandhom rwol kruċjali fil-katina tal-provvista - billi jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jilħqu ġħadd indefinit ta' konsumaturi - u għalhekk ukoll fis-sistema tas-sikurezza tal-prodotti. *Jenħtieġ li jingħataw obbligi ċari għas-sikurezza tal-prodotti u tal-konsumaturi, inkluż f'każijiet fejn atturi ekonomiċi oħra fil-katina tal-provvista ma jiħdu azzjoni. Is-swieq online huma servizzi li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jagħmlu l-prodotti tagħhom disponibbli għall-konsumaturi jew li jaġevolawhom biex jagħmlu dan. Is-swieq online jenħtieġ li, għall-finijiet tas-sikurezza tal-prodotti li jsiru disponibbli fis-suq, ma jiġux mifħuma biss bħala pjattaformi li jiffaċilitaw direttament il-bejgħ tal-prodotti. Is-swieq online jistgħu jitqiesu wkoll bħala operaturi ekonomiċi jekk ikunu l-manifattur, l-importatur, id-distributur jew il-fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni tal-prodott rispettiv.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 27

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Minħabba r-rwol importanti li

#### *Emenda*

(27) Minħabba r-rwol importanti li

għandhom is-swieq online meta jintermedjaw il-bejgħ ta' prodotti bejn il-kummerċjanti u l-konsumaturi, dawn l-atturi jenħtieġ li jkollhom aktar **responsabbiltajiet** fl-indirizzar tal-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup> tipprovdi l-qafas ġenerali għall-kummerċ elettroniku u tistabbilixxi ċerti obbligi għall-pjattaformi online. Ir-Regolament [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE<sup>30</sup> jirregola **r-responsabbiltà u l-akkontabilità** tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji online fir-rigward ta' kontenut illegali, inklużi prodotti mhux sikuri. Dak ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti. Għaldaqstant, abbażi tal-qafas legali orizzontali previst minn dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi essenzjali biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online, f'konformità mal-Artikolu [1(5), punt (h)] ta' dak ir-Regolament.

---

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2000/31/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) - ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1–16.

<sup>30</sup> Ir-Regolament [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

għandhom is-swieq online meta jintermedjaw il-bejgħ jew **il-promozzjoni** ta' prodotti bejn il-kummerċjanti u l-konsumaturi, dawn l-atturi jenħtieġ li jkollhom aktar **obbligi** fl-indirizzar tal-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup> tipprovdi l-qafas ġenerali għall-kummerċ elettroniku u tistabbilixxi ċerti obbligi għall-pjattaformi online. Ir-Regolament [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE<sup>30</sup> jirregola **l-obbligi** tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji online fir-rigward ta' kontenut illegali, inklużi prodotti mhux sikuri. Dak ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti. Għaldaqstant, abbażi tal-qafas legali orizzontali previst minn dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi essenzjali biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online, f'konformità mal-Artikolu [1(5), punt (h)] ta' dak ir-Regolament. **L-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament japplika bħala lex specialis mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online.**

---

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2000/31/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) - ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1–16.

<sup>30</sup> Ir-Regolament [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Premessa 28

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott, iffirmata fl-2018 u li magħha ngħaqdu għadd ta' swieq minn dak iż-żmien, tipprevedi għadd ta' impenji volontarji dwar is-sikurezza tal-prodotti. Il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott uriet *ir-raġunament tagħha fit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumaturi kontra prodotti perikolużi mibjugħha online. Madankollu*, in-natura volontarja tagħha u l-parteċipazzjoni volontarja minn għadd limitat ta' swieq online inaqqsu l-effettivitā tagħha u ma jistgħux jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

*Emenda*

(28) Il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott, iffirmata fl-2018 u li magħha ngħaqdu għadd ta' swieq minn dak iż-żmien, tipprevedi għadd ta' impenji volontarji dwar is-sikurezza tal-prodotti. Il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott uriet *li ma kinitx bizzżejjed u għalhekk sa issa l-għan li l-konsumaturi jiġu protetti minn prodotti perikolużi mibjugħha online ma setax jintlaħaq b'suċċess permezz ta' din il-wegħda*. In-natura volontarja tagħha u l-parteċipazzjoni volontarja minn għadd limitat ta' swieq online inaqqsu l-effettivitā tagħha u ma jistgħux jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Premessa 29

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Is-swieq online jenħtieġ li jaġixxu b'attenzjoni xierqa fir-rigward tal-kontenut ospitat fl-interfaċċi online tagħhom li jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti, f'konformità mal-obbligi speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabiliti obbligi ta' diliżenza dovuta għas-swieq online kollha fir-rigward tal-kontenut ospitat fl-interfaċċi online tagħhom li jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti.

*Emenda*

(29) Is-swieq online jenħtieġ li jaġixxu b'attenzjoni xierqa fir-rigward tal-kontenut ospitat fl-interfaċċi online tagħhom li jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti, f'konformità mal-obbligi speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabiliti obbligi ta' diliżenza dovuta għas-swieq online kollha fir-rigward tal-kontenut ospitat fl-interfaċċi online tagħhom li jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti. *Dan ifisser mill-inqas li jkunu meħtieġa jivverifikaw u jneħħu mil-lista l-prodotti li jkunu ġew irrappurtati fil-portal Safety Gate jew mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq u jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jiżguraw li ma jerġgħux jidhru offruti lill-konsumaturi u li ma jkunux disponibbli*

*fis-suq.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Premessa 31

*Test proposīt mill-Kummissjoni*

(31) Sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità f'waqtha u effettiva mal-ordnijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, l-iproċessar tal-avviżi ta' partijiet terzi oħra u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-kuntest ta' miżuri korrettivi fuq talba, is-swieg online jenħtieġ li jkollhom fis-seħħi mekkaniżmu intern ġhall-immaniġġjar ta' kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tal-prodotti.

*Emenda*

(31) Sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità f'waqtha u effettiva mal-ordnijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, l-iproċessar tal-avviżi ta' partijiet terzi oħra u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-kuntest ta' miżuri korrettivi fuq talba, is-swieg online jenħtieġ li jkollhom fis-seħħi mekkaniżmu intern ġħall-immaniġġjar ta' kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tal-prodotti. **Barra minn hekk, l-interfaċċa tas-suq online jenħtieġ li tippermetti lill-konsumenti jinnotifikaw faċilment kwistjonijiet ta'sikurezza tal-prodotti u jkollhom id-drittijiet tagħhom fil-konfront tal-operatur ekonomiku responsabbi spjegati b'mod li jinfiehem u aċċessibbli. Is-swieg online jistgħu jaqsmu dawn l-avviżi mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.**

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Premessa 32

*Test proposīt mill-Kummissjoni*

(32) L-obbligi imposti minn dan ir-Regolament fuq is-swieg online jenħtieġ li la jammontaw għal obbligu ġenerali li tīgi mmonitorjata l-informazzjoni li huma jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas li jfittxu b'mod attiv fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attivitā illegali, bħall-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Madankollu, is-swieg

*Emenda*

(32) L-obbligi imposti minn dan ir-Regolament fuq is-swieg online jenħtieġ li **ma jammontawx** għal obbligu ġenerali li tīgi mmonitorjata l-informazzjoni li huma jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas li jfittxu b'mod attiv fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attivitā illegali, bħall-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Madankollu, is-swieg

online jenħtieġ li jneħħu malajr ***il-kontenut li jirreferi għal prodotti*** perikolużi mill-interfaċċi online tagħhom, malli jiksbu għarfien attwali jew, fil-każ ta' talbiet għad-danni, għarfien tal-kontenut illegali, b'mod partikolari f'każijiet fejn is-suq online ikun sar jaf bil-fatti jew biċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jidentifika l-illegalità inkwistjoni, sabiex jibbenfikaw mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà għas-servizzi ta' hosting skont id-“Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku” u l-[Att dwar is-Servizzi Digiitali]. Is-swieq online jenħtieġ li jipproċessaw avviżi li jikkonċernaw kontenut li jirreferi għal prodotti mhux sikuri, riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Digiitali], fil-perjodi ta' żmien addizzjonali stabbiliti minn dan ir-Regolament.

online jenħtieġ li ***jkunu meħtieġa jikkonformaw ma' obbligu speċifiċi biex jipprevjenu b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Dan jinkludi obbligu li*** jneħħu malajr ***il-prodotti*** perikolużi mill-interfaċċi online tagħhom, malli jiksbu għarfien attwali jew, fil-każ ta' talbiet għad-danni, għarfien tal-kontenut illegali, b'mod partikolari f'każijiet fejn is-suq online ikun sar jaf bil-fatti jew biċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jidentifika l-illegalità inkwistjoni, sabiex jibbenfikaw mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà għas-servizzi ta' hosting skont id-“Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku” u l-[Att dwar is-Servizzi Digiitali]. Is-swieq online jenħtieġ li jipproċessaw avviżi li jikkonċernaw kontenut li jirreferi għal prodotti mhux sikuri, riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Digiitali], fil-perjodi ta' żmien addizzjonali stabbiliti minn dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li s-swieq online jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jevitaw li prodotti identiċi, li qabel kienu rrappurtati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bħala mhux sikuri, jerġgħu jidħru fuq is-siti web tagħhom, f'konformità mal-prinċipju ta' ebda obbligu ta' monitoraġġ ġenerali u mal-obbligi stabbiliti fl-Att dwar is-Servizzi Digiitali.***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 34

*Test propost mill-Kummissjoni*

(34) ***Anke meta*** l-informazzjoni mis-Safety Gate ***ma jkunx*** fiha lokatur uniformi tar-riżorsi (URL) preċiż u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni ***tal-kontenut illegali kkonċernat***, is-swieq online jenħtieġ li madankollu jqisu l-

*Emenda*

(34) ***Is-Safety Gate*** jenħtieġ li tiġi mmodernizzata u aġġornata sabiex taġevola lill-operaturi ekonomiċi u s-swieq online biex jidentifikaw prodotti mhux sikuri. L-informazzjoni mis-Safety Gate ***jenħtieġ li jkun*** fiha lokatur uniformi tar-riżorsi (URL) preċiż u, fejn meħtieġ,

informazzjoni trażmessi, bħall-identifikaturi tal-prodott, meta disponibbli, u informazzjoni oħra dwar it-traċċabbiltà, fil-kuntest ta' kwalunkwe miżura adottata mis-swiegħ online fuq l-inizjattiva tagħhom stess bl-għan li jidtifikaw, ineħħu jew jiddiżżattivaw l-aċċess għal prodotti perikolużi offruti fis-suq tagħhom, fejn applikabbli.

informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni ***tal-prodott mhux sikur***. ***Barra minn hekk***, is-swieq online jenħtieġ li madankollu jqisu l-informazzjoni trażmessi, bħall-identifikaturi tal-prodott, meta disponibbli, u informazzjoni oħra dwar it-traċċabbiltà, fil-kuntest ta' kwalunkwe miżura adottata mis-swiegħ online fuq l-inizjattiva tagħhom stess bl-għan li jidtifikaw, ineħħu jew jiddiżżattivaw l-aċċess għal prodotti perikolużi offruti fis-suq tagħhom, fejn applikabbli.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Premessa 35

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Għall-finijiet tal-[Artikolu 19] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], u fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti mibjugħha online, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jenħtieġ li ***jqis b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet*** tal-konsumaturi u l-assoċċazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interess tal-konsumaturi, ***fuq talba tagħhom, bħala sinjalaturi fdati, sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-artikolu.***

*Emenda*

(35) Għall-finijiet tal-[Artikolu 19] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], u fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti mibjugħha online, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jenħtieġ li jiżguraw il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-assoċċazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interess tal-konsumaturi dwar is-sikurezza tal-prodotti. Għall-finijiet tal-[Artikolu 19] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], u fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti mibjugħha online, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jenħtieġ li ***jiżgura, fejn meħtieġ, il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet*** tal-konsumaturi u l-assoċċazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interess tal-konsumaturi ***dwar is-sikurezza tal-prodotti u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.***

## Emenda 24

## Proposta għal regolament

### Premessa 36

#### *Test proposīt mill-Kummissjoni*

(36) It-traċċabbiltà tal-prodotti hija fundamentali għal sorveljanza effettiva tas-suq ta' prodotti perikolużi u miżuri korrettivi. Il-konsumaturi jenħtieġ ukoll li jiġu protetti kontra prodotti perikolużi bl-istess mod fil-mezzi tal-bejgħ offline u online, inkluż meta jixtru prodotti fi swieq online. Filwaqt li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Digideli] dwar it-traċċabbiltà tal-kummerċjanti, is-swieq online jenħtieġ li ma jippermettux l-elenkar fil-pjattaformi tagħhom sakemm il-kummerċjant ma jkunx ipprova l-informazzjoni kollha relatata mas-sikurezza u t-traċċabbiltà tal-prodotti kif spjegat f'dan ir-Regolament. Tali informazzjoni jenħtieġ li tintwera flimkien mal-elenkar tal-prodott sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess informazzjoni disponibbli online u offline. **Madankollu, is-suq online jenħtieġ li ma jkunx responsabbi għall-verifikasi tal-kompletezza, il-korrettezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni nnifha, peress li l-obbligu li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodotti jibqa' tal-kummerċjant.**

#### *Emenda*

(36) It-traċċabbiltà tal-prodotti hija fundamentali għal sorveljanza effettiva tas-suq ta' prodotti perikolużi u miżuri korrettivi. Il-konsumaturi jenħtieġ ukoll li jiġu protetti kontra prodotti perikolużi bl-istess mod fil-mezzi tal-bejgħ offline u online, inkluż meta jixtru prodotti fi swieq online. Filwaqt li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Digideli] dwar it-traċċabbiltà tal-kummerċjanti **u tal-prodotti**, is-swieq online jenħtieġ li ma jippermettux l-elenkar fil-pjattaformi tagħhom sakemm il-kummerċjant ma jkunx ipprova l-informazzjoni kollha relatata mas-sikurezza u t-traċċabbiltà tal-prodotti kif spjegat f'dan ir-Regolament. **Barra minn hekk, is-swieq online jenħtieġ li jivverifikaw il-kompletezza u l-affidabbiltà ta' tali informazzjoni kif spjegat f'dan ir-Regolament.** Tali informazzjoni jenħtieġ li tintwera **b'mod li jinfiehem u aċċessibbli** flimkien mal-elenkar tal-prodott sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess informazzjoni disponibbli online u offline.

### Emenda 25

## Proposta għal regolament

### Premessa 37

#### *Test proposīt mill-Kummissjoni*

(37) Huwa importanti wkoll li s-swieq online jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti dwar is-sikurezza tal-prodotti. Obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-

#### *Emenda*

(37) Huwa importanti wkoll li s-swieq online jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti dwar is-sikurezza tal-prodotti. Obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-

sorveljanza tas-suq huwa impost fuq il-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 fir-rigward tal-prodotti koperti minn dak ir-Regolament u għalhekk jenħtieġ li jiġi estiż għall-prodotti kollha għall-konsumatur. Pereżempju, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq qed itejbu b'mod kostanti l-għodod teknoloġiċi li jużaw għas-sorveljanza tas-suq online biex jidtifikaw prodotti perikolużi mibjugħha online. Sabiex dawn l-għodod ikunu operazzjonali, is-swieq online jenħtieġ li jagħtu aċċess għall-interfaċċi tagħhom. Barra minn hekk, għall-finijiet tas-sikurezza tal-prodotti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jista' jkollhom bżonn ukoll li jiġbru d-data mis-swieq online.

sorveljanza tas-suq huwa impost fuq il-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 fir-rigward tal-prodotti koperti minn dak ir-Regolament u għalhekk jenħtieġ li jiġi estiż għall-prodotti kollha għall-konsumatur. Pereżempju, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq qed itejbu b'mod kostanti l-għodod teknoloġiċi li jużaw għas-sorveljanza tas-suq online biex jidtifikaw prodotti perikolużi mibjugħha online. Sabiex dawn l-għodod ikunu operazzjonali, is-swieq online jenħtieġ li jagħtu aċċess għall-interfaċċi tagħhom. Barra minn hekk, għall-finijiet tas-sikurezza tal-prodotti, **jekk l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ma jkunux jistgħu jirkupraw id-data meħtieġa mingħand l-operatur ekonomiku primarjament responsabbi, jista' jkollhom bżonn ukoll innehha d-data mis-swieq online abbażi ta' talba mmirata.**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 40

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(40) Meta l-operaturi ekonomiċi jew l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiffaċċjaw għażla ta' diversi miżuri korrettivi, l-aktar azzjoni sostenibbli li tirriżulta fl-inqas impatt ambjentali, bħat-tiswija tal-prodott, jenħtieġ li tiġi ppreferuta sakemm dan ma jirriżultax fl-livell inqas ta' sikurezza.

#### *Emenda*

(40) Meta l-operaturi ekonomiċi jew l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiffaċċjaw għażla ta' diversi miżuri korrettivi, l-aktar azzjoni sostenibbli li tirriżulta fl-inqas impatt ambjentali, bħat-tiswija tal-prodott, jenħtieġ li tiġi ppreferuta sakemm dan ma jirriżultax fl-livell inqas ta' sikurezza **jew jaffettwa d-drittijiet u l-interessi ta' ċerti konsumaturi.**

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 44

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

(44) L-iżgurar tal-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti matul il-katina tal-provvista kollha jgħin biex ikunu identifikati l-operaturi ekonomiċi u biex jittieħdu miżuri korrettivi effettivi kontra prodotti perikolużi, bħal sejħiet lura mmirati. Għalhekk l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti jiżguraw li l-konsumaturi u l-operaturi ekonomiċi jkollhom informazzjoni preċiża dwar prodotti perikolużi biex b'hekk tiżdied il-kunfidenza fis-suq u jkun evitat ix-xkiel mhux meħtieġ tal-kummerċ. Għalhekk il-prodotti jenħtieġ li jkollhom informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u l-identifikazzjoni tal-manifattur u, jekk applikabbi, tal-importatur. Tali rekwiżiti ta' traċċabbiltà jistgħu jsiru aktar stretti għal ċerti tipi ta' prodotti. Jenħtieġ li l-manifatturi jistabbilixxu wkoll dokumentazzjonijiet tekniċi rigward il-prodotti tagħhom, li jenħtieġ li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa biex jagħtu prova li l-prodott tagħhom huwa sikur.

### *Emenda*

(44) L-iżgurar tal-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti matul il-katina tal-provvista kollha jgħin biex ikunu identifikati l-operaturi ekonomiċi u, ***fejn applikabbi***, biex jittieħdu miżuri korrettivi effettivi ***u proporzjonati*** kontra prodotti perikolużi, bħal sejħiet lura mmirati. Għalhekk l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti jiżguraw li l-konsumaturi u l-operaturi ekonomiċi jkollhom informazzjoni preċiża dwar prodotti perikolużi biex b'hekk tiżdied il-kunfidenza fis-suq u jkun evitat ix-xkiel mhux meħtieġ tal-kummerċ. Għalhekk il-prodotti jenħtieġ li jkollhom informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u l-identifikazzjoni tal-manifattur u, jekk applikabbi, tal-importatur. Tali rekwiżiti ta' traċċabbiltà jistgħu jsiru aktar stretti għal ċerti tipi ta' prodotti ***li jkunu suxxettibbli li jgħarrbu riskju serju***. Jenħtieġ li l-manifatturi jistabbilixxu wkoll dokumentazzjonijiet tekniċi rigward il-prodotti tagħhom, li jenħtieġ li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa biex jagħtu prova li l-prodott tagħhom huwa sikur.

### **Emenda 28**

#### **Proposta għal regolament Premessa 47a (ġdida)**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

**(47a) L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jwettqu xiri bil-moħbi fuq bażi regolari, mill-inqas darba fis-sena, inkluż fuq swiegħ online u b'mod partikolari ta' prodotti li jkunu ġew elenkti l-aktar fis-Safety Gate.**

### **Emenda 29**

## Proposta għal regolament

### Premessa 50

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(50) Is-Sistema ta' Informazzjoni Rapida tal-Unjoni (RAPEX) ***instabet li kienet effettiva u effiċjenti. Ir-RAPEX*** tippermetti li ***l-miżuri*** korrettivi jiġu implimentati mal-Unjoni kollha fir-rigward ta' prodotti li joħolqu riskju lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru uniku. Madankollu, huwa xieraq li l-isem imqassar użat jinbidel minn RAPEX għal Safety Gate għal aktar ċarezza u sensibilizzazzjoni aħjar għall-konsumaturi. Is-Safety Gate tinkludi sistema ta' twissija rapida dwar prodotti perikolużi li mhumiex tal-ikel li biha l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar tali prodotti, portal web biex jinforma lill-pubbliku (Safety Gate portal) u interfaċċa li tippermetti lin-neozji jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jinfurmaw lill-awtoritajiet u l-konsumaturi dwar prodotti perikolużi (Safety Business Gateway).

#### *Emenda*

(50) Is-Sistema ta' Informazzjoni Rapida tal-Unjoni (RAPEX) ***jeħtieġ li tiġi aġġornata u mmodernizzata sabiex*** tippermetti li ***aktar miżuri*** korrettivi jiġu implimentati mal-Unjoni kollha fir-rigward ta' prodotti li joħolqu riskju lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru uniku. Madankollu, huwa xieraq li l-isem imqassar użat jinbidel minn RAPEX għal Safety Gate għal aktar ċarezza u sensibilizzazzjoni aħjar għall-konsumaturi. Is-Safety Gate tinkludi sistema ta' twissija rapida dwar prodotti perikolużi li mhumiex tal-ikel li biha l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar tali prodotti, portal web biex jinforma lill-pubbliku (Safety Gate portal) u interfaċċa li tippermetti lin-neozji jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jinfurmaw lill-awtoritajiet u l-konsumaturi dwar prodotti perikolużi (Safety Business Gateway). ***Barra minn hekk, trid tippordi interfaċċa interoperabbi biex tippermetti lis-swieq online jivverifikaw il-prodotti fuq is-sit web tagħhom mal-prodotti elenkti fis-Safety Gate b'mod faċli, rapidu u affidabbli.***

### Emenda 30

## Proposta għal regolament

### Premessa 51

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(51) L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw fis-Safety Gate kemm miżuri korrettivi obbligatorji kif ukoll volontarji li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jimponu kundizzjonijiet spċifici fuq il-kummerċjalizzazzjoni possibbi ta' prodott minħabba riskju serju għas-saħħa u s-

#### *Emenda*

(51) L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw fis-Safety Gate kemm miżuri korrettivi obbligatorji kif ukoll volontarji li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jimponu kundizzjonijiet spċifici fuq il-kummerċjalizzazzjoni possibbi ta' prodott minħabba riskju serju għas-saħħa u s-

sikurezza tal-konsumaturi jew, fil-każ ta' prodotti koperti mir-Regolament (UE) Nru 2019/1020, ukoll għal interassi pubbliċi rilevanti oħra tal-utenti finali.

sikurezza tal-konsumaturi jew, fil-każ ta' prodotti koperti mir-Regolament (UE) Nru 2019/1020, ukoll għal interassi pubbliċi rilevanti oħra tal-utenti finali.

*Sabiex partijiet ikkonċernati oħra jiġu infurmati dwar l-oriġini ta' inċidenti preċedenti, in-notifikasi fis-Safety Gate jenħtieġ li jispiegaw kif ikun seħħ riskju serju u jinkludu informazzjoni aktar dettaljata fejn ikun possibbli, bħan-Numru Ewropew tal-Oġġetti.*

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Premessa 52

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(52) Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) **Nru** 2019/1020, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri adottati kontra prodotti koperti minn dak ir-Regolament, li joħolqu riskju inqas minn serju, permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-istess artikolu, filwaqt li l-miżuri korrettivi adottati kontra l-prodotti koperti minn dan ir-Regolament li joħolqu riskju inqas minn serju jenħtieġ li jiġu nnotifikati fis-Safety Gate. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni relatata mar-riskji għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi ppreżentati mill-prodotti. Huwa xieraq għall-konsumaturi u għan-negozji li l-informazzjoni kollha dwar il-miżuri korrettivi adottati kontra prodotti li joħolqu riskju tinsab fis-Safety Gate, li tippermetti li l-informazzjoni rilevanti dwar prodotti perikolu, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tal-portal Safety Gate. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinnotifikaw fis-Safety Gate **il-miżuri** korrettivi kollha dwar prodotti li joħolqu riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi.

#### *Emenda*

(52) Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ***l-obbligu li*** jinnotifikaw il-miżuri adottati kontra prodotti koperti minn dak ir-Regolament, li joħolqu riskju inqas minn serju jenħtieġ li jiġu nnotifikati fis-Safety Gate. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni relatata mar-riskji għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi ppreżentati mill-prodotti. Huwa xieraq għall-konsumaturi u għan-negozji li l-informazzjoni kollha dwar il-miżuri korrettivi adottati kontra l-prodotti koperti minn dan ir-Regolament li joħolqu riskju inqas minn serju jenħtieġ li jiġu nnotifikati fis-Safety Gate. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni relatata mar-riskji għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi ppreżentati mill-prodotti. Huwa xieraq għall-konsumaturi u għan-negozji li l-informazzjoni kollha dwar il-miżuri korrettivi adottati kontra prodotti li joħolqu riskju tinsab fis-Safety Gate, li tippermetti li l-informazzjoni rilevanti dwar prodotti perikolu, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tal-portal Safety Gate. **Huwa importanti li jiġi żgurat li din l-informazzjoni kollha tkun disponibbli bil-lingwa/i uffiċċiali tal-pajjiż ta' residenza tal-konsumatur u li tkun miktuba b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem.**

Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinnotifikaw fis-Safety Gate ***I-miżuri*** korrettivi kollha dwar prodotti li joħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. ***Il-bażi tad-data u s-sit web-tas-Safety Gate jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.***

## Emenda 32

### Proposta għal regolament

#### Premessa 58

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(58) L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jistgħu*** jwettqu attivitajiet konġunti ma' awtoritajiet jew organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi jew lill-utenti finali, bil-għan li jippromwovu s-sikurezza tal-prodotti u jidher kien i-identifikaw prodotti perikolużi, inklużi dawk li jiġu offruti għall-bejgħ online. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni, kif xieraq, jenħtieġ li jiżguraw li l-għażla tal-prodotti u tal-produtturi kif ukoll l-attivitajiet imwettqa ma joħolqux ***sitwazzjoni*** li tista' tfixkel il-kompetizzjoni jew taffettwa l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-partijiet.

##### *Emenda*

(58) L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jenħtieġ li*** jwettqu attivitajiet konġunti ma' awtoritajiet jew organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi jew lill-utenti finali, bil-għan li jipromwovu s-sikurezza tal-prodotti u jidher kien i-identifikaw prodotti perikolużi, inklużi dawk li jiġu offruti għall-bejgħ online. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni, kif xieraq, jenħtieġ li jiżguraw li l-għażla tal-prodotti u tal-produtturi kif ukoll l-attivitajiet imwettqa ma joħolqux ***sitwazzjonijiet*** li tista' tfixkel il-kompetizzjoni jew taffettwa l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-partijiet.

## Emenda 33

### Proposta għal regolament

#### Premessa 59

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(59) Azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll ("sweeps") huma azzjonijiet speċifiċi ta' infurzar li jistgħu jkomplu jtejbu s-sikurezza tal-prodotti. ***B'mod partikolari***, jenħtieġ li jitwettqu sweeps fejn ix-xejriet tas-suq, l-ilmenti tal-konsumaturi jew indikazzjonijiet oħra jissuġġerixxu li ċerti kategoriji ta' prodotti

##### *Emenda*

(59) Azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll ("sweeps") huma azzjonijiet speċifiċi ta' infurzar li jistgħu jkomplu jtejbu s-sikurezza tal-prodotti ***u għalhekk jenħtieġ li jitwettqu fuq bażi regolari biex jinstab il-ksur online u offline ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk***, jenħtieġ li jitwettqu sweeps fejn ix-xejriet tas-suq, l-

ta' spiss jinstabu li joħolqu riskju serju.

ilmenti tal-konsumaturi jew indikazzjonijiet oħra jissuġġerixxu li ċerti kategoriji ta' prodotti ta' spiss jinstabu li joħolqu riskju serju.

## Emenda 34

### Proposta għal regolament

#### Premessa 62

*Test propost mill-Kummissjoni*

(62) Meta prodott li jkun digħà nbiegħ lill-konsumaturi jirriżulta li jkun perikoluż, jista' jkun meħtieġ li jissejjaħ lura biex jiġu protetti l-konsumaturi fl-Unjoni. Il-konsumaturi jistgħu ma jkunux jafu li għandhom prodott imsejjaħ lura. Sabiex tiżdied l-effettivitā tas-sejħha lura, huwa għalhekk importanti li jintlaħqu aħjar il-konsumaturi kkonċernati. Il-kuntatt dirett huwa l-aktar metodu effettiv biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar is-sejħiet lura u tīgi mħegħġa l-azzjoni. Huwa wkoll il-mezz ta' komunikazzjoni preferut fost il-gruppi kollha tal-konsumaturi. Sabiex tīgi żgurata s-sikurezza tal-konsumaturi, huwa importanti li dawn jiġu infurmati b'mod rapidu u affidabbli. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jużaw id-data ***tal-klijent*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza marbuta mal-prodotti li jkunu xtraw. Għalhekk, huwa meħtieġ obbligu legali biex l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jużaw ***kwalunkwe data*** tal-klijenti li tkun digħà għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza. F'dan ir-rigward, l-operaturi ekonomiċi se jiżguraw li jinkludu l-possibbiltà li jikkuntattjaw direttament lill-klijenti fil-każ ta' sejħha lura jew twissija ta' sikurezza li taffettwahom fi programmi eżistenti ta' lealtà tal-klijent u f'sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti, li permezz tagħhom il-klijenti jintalbu, wara li jkunu

*Emenda*

(62) Meta prodott li jkun digħà nbiegħ lill-konsumaturi jirriżulta li jkun perikoluż, jista' jkun meħtieġ li jissejjaħ lura biex jiġu protetti l-konsumaturi fl-Unjoni. Il-konsumaturi jistgħu ma jkunux jafu li għandhom prodott imsejjaħ lura. Sabiex tiżdied l-effettivitā tas-sejħha lura, huwa għalhekk importanti li jintlaħqu aħjar il-konsumaturi kkonċernati. Il-kuntatt dirett huwa l-aktar metodu effettiv biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar is-sejħiet lura u tīgi mħegħġa l-azzjoni. Huwa wkoll il-mezz ta' komunikazzjoni preferut fost il-gruppi kollha tal-konsumaturi. Sabiex tīgi żgurata s-sikurezza tal-konsumaturi, huwa importanti li dawn jiġu infurmati b'mod rapidu u affidabbli. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jużaw id-data ***tal-klijenti*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza marbuta mal-prodotti li jkunu xtraw. Għalhekk, huwa meħtieġ obbligu legali biex l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jużaw ***id-data*** tal-klijenti li tkun digħà għad-dispożizzjoni tagħhom ***li tkun neċċessarja*** biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza. F'dan ir-rigward, l-operaturi ekonomiċi se jiżguraw li jinkludu l-possibbiltà li jikkuntattjaw direttamente lill-klijenti fil-każ ta' sejħha lura jew twissija ta' sikurezza li taffettwahom fi programmi eżistenti ta' lealtà tal-klijent u f'sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti, li permezz tagħhom il-klijenti jintalbu, wara li jkunu

xtraw prodott, biex jikkomunikaw lill-manifattur fuq bażi volontarja xi informazzjoni bħall-isem, l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom, il-mudell tal-prodott jew in-numru tas-serje.

xtraw prodott, biex jikkomunikaw lill-manifattur fuq bażi volontarja xi informazzjoni bħall-isem, l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom, il-mudell tal-prodott jew in-numru tas-serje. *Filwaqt li l-operaturi ekonomiċi huma primarjament responsabbli għall-eżekuzzjoni tas-sejħiet lura mis-suq, is-swieg online jenħtieġ li tal-inqas jipprovd u informazzjoni lill-operaturi ekonomiċi u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u appoġġ fil-komunikazzjoni lill-konsumaturi.*

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament Premessa 64a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(64a) Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex tiżgura infurzar aktar uniformi u komunikazzjoni legalment ċerta meta tittratta n-notifikasi ta' sejħa lura u t-talbiet rispettivi mill-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ikollhom biżżejjed għarfien espert u riżorsi biex jiżguraw infurzar effettiv.*

### Emenda 36

#### Proposta għal regolament Premessa 71

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(71) Sabiex ikollhom effett ta' deterrent sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi **u għas-swieg online** biex jipprevjenu t-tqegħid ta' prodotti perikolużi fis-suq, jenħtieġ li l-penali jkunu adegwati għat-tip ta' ksur, għall-vantaġġ possibbli għall-operatur ekonomiku **jew għas-suq online** u għat-tip u għall-gravità tad-dannu mġarrab mill-konsumatur. Barra minn hekk, livell

(71) Sabiex ikollhom effett ta' deterrent sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi biex jipprevjenu t-tqegħid ta' prodotti perikolużi fis-suq, jenħtieġ li l-penali jkunu adegwati għat-tip ta' ksur, għall-vantaġġ possibbli għall-operatur ekonomiku u għat-tip u għall-gravità tad-dannu mġarrab mill-konsumatur. Barra minn hekk, livell omøġjenju ta' penali huwa importanti biex

omoġenju ta' penali huwa importanti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jiġi evitat li l-operaturi ekonomiċi **jew is-swieq online** jikkonċentraw l-attivitajiet tagħhom f'territorji fejn il-livell ta' penali jkun aktar baxx.

jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jiġi evitat li l-operaturi ekonomiċi jikkonċentraw l-attivitajiet tagħhom f'territorji fejn il-livell ta' penali jkun aktar baxx.

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Premessa 80

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

(80) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725. Meta l-konsumaturi jirrapportaw prodott fis-Safety Gate, tinħażen biss dik id-data personali li tkun meħtieġa biex jiġi rrapporat il-prodott perikoluż u għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin wara li tali data tkun għet ikkodifikata. Il-manifatturi u l-importaturi jenħtieġ li jkollhom ir-reġistru tal-ilmenti tal-konsumaturi biss sakemm dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-manifatturi u l-importaturi, meta jkunu persuni fizċi, jenħtieġ li jiżvelaw isimhom biex jiżguraw li l-konsumatur ikun jista' jidher l-identika l-prodott għall-finijiet tat-traċċabbiltà.

#### *Emenda*

(80) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1725 u **d-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar ta' data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settura tal-komunikazzjoni elettronika**. Meta l-konsumaturi jirrapportaw prodott fis-Safety Gate, tinħażen biss dik id-data personali li tkun meħtieġa biex jiġi rrapporat il-prodott perikoluż u għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin wara li tali data tkun għet ikkodifikata. Il-manifatturi u l-importaturi jenħtieġ li jkollhom ir-reġistru tal-ilmenti tal-konsumaturi biss sakemm dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-manifatturi u l-importaturi, meta jkunu persuni fizċi, jenħtieġ li jiżvelaw isimhom biex jiżguraw li l-konsumatur ikun jista' jidher l-identika l-prodott għall-finijiet tat-traċċabbiltà.

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – titolu

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

Suġġett

#### *Emenda*

Suġġett **u għanijiet**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli essenzjali dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur li tqiegħdu jew li huma disponibbli fis-suq.

*Emenda*

*L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura li l-prodotti li jsiru disponibbli fis-suq ikunu sikuri għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi. Għalhekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli essenzjali dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur li tqiegħdu jew li huma disponibbli fis-suq.*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagraphu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-prodotti jkunu soġġetti għal-rekwiżiti tas-sikurezza spċifici imposti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-aspetti u r-riskji jew il-kategoriji tar-riskji mhux koperti b'dawn ir-rekwiżiti.

*Emenda*

*Meta l-prodotti jkunu soġġetti għal-rekwiżiti tas-sikurezza spċifici imposti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-aspetti u r-riskji jew il-kategoriji tar-riskji mhux koperti b'dawn ir-rekwiżiti u li għalhekk huma ta' theddida għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi jew għal-interessi pubbliċi oħra.*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagraphu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-Kapitolu II ma għandux japplika sa fejn ikunu kkonċernati r-riskji jew il-kategoriji ta' riskji koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;

*Emenda*

(a) il-Kapitolu II ma għandux japplika sa fejn ikunu kkonċernati r-riskji jew il-kategoriji ta' riskji koperti **b'mod adegwawt** mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;

## Emenda 42

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) tagħmir li jirkbu jew jivvjaġġaw fuqu l-konsumaturi u li jitħaddem minn fornitur tas-servizz fil-kuntest ta' servizz mogħti lill-konsumaturi;

*Emenda*

(g) tagħmir li jirkbu jew jivvjaġġaw fuqu l-konsumaturi u li **ma jinstaqx mill-konsumatur imma** jitħaddem minn fornitur tas-servizz fil-kuntest ta' servizz mogħti lill-konsumaturi **u li għandu l-għan li jittrasporta lill-konsumaturi minn post-  
għal ieħor;**

## Emenda 43

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. *Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawżjoni.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 44

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. "prodott" tfisser kwalunkwe oġġett, interkonness jew le ma' oġġetti oħra, fornut jew disponibbli, kemm jekk għal korrispettiv kif ukoll jekk le, matul attivitā kummerċjali inkluż fil-kuntest tal-forniment ta' servizz – li huwa maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi anke jekk ma jkunx maħsub għalihom;

*Emenda*

1. "prodott" tfisser kwalunkwe oġġett, ***tanġibbli jew intanġibbli, bħal software jew prodott inkorporat b'software,*** interkonness jew le ma' oġġetti oħra, fornut jew disponibbli, kemm jekk għal korrispettiv kif ukoll jekk le, matul attivitā kummerċjali inkluż fil-kuntest tal-forniment ta' servizz – li huwa maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi anke jekk ma jkunx maħsub għalihom;

## Emenda 45

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

*Test propost mill-Kummissjoni*

23. "sejħa lura" tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex jittieħed lura prodott li jkun digħà sar disponibbli għall-konsumatur;

*Emenda*

23. "sejħa lura" tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex jittieħed lura prodott **perikoluż** li jkun digħà sar disponibbli għall-konsumatur **utent finali**;

## Emenda 46

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Preżunzjoni tas-sikurezza

*Emenda*

Preżunzjoni **tal-konformità mar-rekwiżit** tas-sikurezza **ġenerali**

## Emenda 47

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fin-nuqqas ta' standards Ewropej imsemmija fil-punt (a), fir-rigward tar-riskji koperti mir-rekwiżiti tas-saħħha u ssikurezza stabbiliti fid-dritt tal-Istat Membru fejn il-prodott isir disponibbli fis-suq, jekk ikun konformi ma' tali **rekwiżiti nazzjonali**.

*Emenda*

(b) fin-nuqqas ta' standards Ewropej imsemmija fil-punt (a), fir-rigward tar-riskji koperti mir-rekwiżiti tas-saħħha u ssikurezza stabbiliti fid-dritt tal-Istat Membru fejn il-prodott isir disponibbli fis-suq, jekk ikun konformi ma' tali **standards nazzjonali li jiġu stabiliti f'konformità mad-dritt Ewropew.**

## Emenda 48

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza spċifici meħtieġa biex tiżgura li l-prodotti li jikkonformaw mal-standards Ewropej jissodisfaw ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza spċifici meħtieġa biex tiżgura li l-prodotti li jikkonformaw mal-standards Ewropej jissodisfaw ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5, *filwaqt li tqis il-kriterji elenkati fl-Artikolu 7*. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 3**

*Test propos mill-Kummissjoni*

3. Madankollu, il-preżunzjoni tas-sikurezza skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq milli jieħdu azzjoni skont dan ir-Regolament meta jkun hemm evidenza li, minkejja tali konformità, il-prodott ikun perikoluż.

*Emenda*

3. Madankollu, il-preżunzjoni ***tal-konformità mar-rekwiżit*** tas-sikurezza ***ġenerali*** skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq milli jieħdu azzjoni skont dan ir-Regolament meta jkun hemm evidenza li, minkejja tali konformità, il-prodott ikun perikoluż.

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttiorja**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Meta l-preżunzjoni tas-sikurezza stabbilita fl-Artikolu 5 ma tkunx tapplika, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin b'mod partikolari meta jiġi vvalutat jekk prodott huwiex sikur:

*Emenda*

1. Meta l-preżunzjoni ***tal-konformità mar-rekwiżit*** tas-sikurezza ***ġenerali*** stabbilita fl-Artikolu 6 ma tkunx tapplika, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin b'mod partikolari meta jiġi vvalutat jekk prodott huwiex sikur:

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (a) il-karatteristiċi tal-prodott, inklużi d-disinn tiegħu, il-karatteristiċi tekniċi, il-kompożizzjoni, l-imballaġġ, l-istruzzjonijiet għall-assemblaġġ u fejn applikabbli, għall-istallazzjoni **u l-manutenzjoni**;

*Emenda*

- (a) il-karatteristiċi tal-prodott, inklużi d-disinn tiegħu, il-karatteristiċi tekniċi **tiegħu**, il-kompożizzjoni **u l-komponenti kimiċi tiegħu**, l-imballaġġ **tiegħu**, l-istruzzjonijiet **tiegħu** għall-assemblaġġ u, fejn applikabbli, għall-istallazzjoni, **l-użu, il-manutenzjoni, ir-riċiklaġġ u t-tiswija**;

## Emenda 52

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (b) l-effett fuq prodotti oħra, meta jkun raġonevolment prevedibbli illi jrid jintuża ma' prodotti oħra, **inkluża l-interkonnessjoni tal-prodotti bejniethom**;

*Emenda*

- (b) l-effett fuq prodotti oħra **u l-utenti tiegħu**, meta jkun raġonevolment prevedibbli li jrid jintuża ma' prodotti oħra, **inklużi l-għażliet ta' interkonnessjoni bejn il-prodotti kif ukoll it-telfien possibbli tal-interkonnessjoni**;

## Emenda 53

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (ca) il-konnettivitā ta' prodott, inklużi l-karatteristiċi ta' sigurtà xierqa meħtieġa biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' konnessjoni u ta' skonnessjoni;**

## Emenda 54

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) is-salvagwardji xierqa maħsuba  
biex jindirizzaw id-data difettuża kif ukoll  
il-kwistjoni tal-affidabbiltà tad-data li  
għandu mnejn ikollha impatt fuq is-  
sikurezza tal-prodott;*

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) il-kategoriji ta' konsumaturi friskju meta jużaw il-prodott, b'mod partikolari konsumaturi vulnerabbi bħat-tfal, l-anzjani, ***il-persuni*** b'diżabilità;

*(e) il-kategoriji ta' konsumaturi friskju meta jużaw il-prodott, b'mod partikolari konsumaturi vulnerabbi bħat-tfal, ***inkluż it-tikkettar tal-prodotti b'rabta mal-età rigward l-adegwatezza jew il-legalità tagħhom għat-tfal, u l-anzjani u l-persuni*** b'diżabilità ***filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà bbażata fuq ir-riskji speċifiċi tal-prodott;****

## **Emenda 56**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(f) id-dehra tal-prodott u b'mod partikolari meta prodott, għalkemm mhuwiex oġġett tal-ikel, jixbah oġġett tal-ikel u x'aktarx jiġi konfuż ma' oġġett tal-ikel minħabba l-għamla, ir-riħa, il-kulur, id-dehra, l-imballaġġ, l-ittikkettar, il-volum, id-daqqs tiegħi jew karakteristiċi oħra;

*(f) id-dehra tal-prodott u b'mod partikolari meta prodott, għalkemm mhuwiex oġġett tal-ikel, jixbah oġġett tal-ikel u x'aktarx jiġi konfuż ma' oġġett tal-ikel minħabba l-għamla, ir-riħa, il-kulur, id-dehra, l-imballaġġ, l-ittikkettar, il-volum, id-daqqs tiegħi jew karakteristiċi oħra ***u għalhekk il-konsumaturi, speċjalment it-tfal, jistgħu jpoġġgu f'ħalqhom, isoffuh jew jibilgħuh, u dan għandu mnejn jikkawża, pereżempju, suffokazzjoni, avvelenament, il-perforazzjoni jew l-ostruzzjoni tas-sistema****

*diġestiva;*

## Emenda 57

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt h

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (h) il-karatteristiċi xierqa taċ-ċibersigurtà meħtieġa biex jipproteġu l-prodott minn influwenzi esterni, inklużi partijiet terzi malizzjużi, meta tali influwenza jista' jkollha impatt fuq is-sikurezza tal-prodott;

*Emenda*

- (h) il-karatteristiċi xierqa taċ-ċibersigurtà **li jkopru c-ċiklu kollu tal-ħajja** meħtieġa biex jipproteġu l-prodott minn influwenzi esterni, inklużi partijiet terzi malizzjużi, meta tali influwenza jista' jkollha impatt fuq is-sikurezza tal-prodott;

## Emenda 58

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt i

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (i) il-funzjonalitajiet li jevolvu, ta' tagħlim u ta' tbassir ta' prodott.

*Emenda*

- (i) il-funzjonalitajiet li jevolvu, ta' tagħlim u ta' tbassir ta' prodott;

## Emenda 59

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (ia) il-perikli fiziċċi, mekkaniċċi, elettriċċi, ta' fjammabbiltà, tal-iġjene u tar-radjuattività li l-prodott jista' jippreżenta għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi;*

## Emenda 60

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ib (ġdid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ib) Ir-riskju għas-saħħha mentali li jippreżentaw il-prodotti konnessi, inklużi l-effetti kumulattivi u fit-tul tagħhom fuq is-saħħha.*

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt d**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(d) skemi ta' ċertifikazzjoni volontarja jew oqfsa simili ta' valutazzjoni tal-konformità ta' partijiet terzi, **b'mod partikolari** dawk maħsuba biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

*Emenda*

(d) skemi ta' ċertifikazzjoni volontarja jew oqfsa simili ta' valutazzjoni tal-konformità ta' partijiet terzi, **meta** dawk **ikunu** maħsuba biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

## **Emenda 62**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagraphu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

2. Il-manifatturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti li jaslu li jikkonċernaw prodotti li jkunu għamlu disponibbli fis-suq, u li jkunu ġew identifikati bħala perikolużi mill-ilmentatur, u għandhom iżommu reġistru **ta' dawn l-ilmenti kif ukoll** ta' sejħiet lura tal-prodotti.

*Emenda*

2. Il-manifatturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti li jaslu li jikkonċernaw prodotti li jkunu għamlu disponibbli fis-suq, u li jkunu ġew identifikati bħala perikolużi mill-ilmentatur, u għandhom iżommu reġistru **pubbliku** ta' sejħiet lura tal-prodotti.

## **Emenda 63**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagraphu 2**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Il-manifatturi għandhom jagħmlu

*Emenda*

Il-manifatturi għandhom jagħmlu

disponibbli pubblikament għall-konsumaturi, mezzi ta' komunikazzjoni bħan-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku jew it-taqṣima ddedikata tas-sit web tagħhom, li jippermettu lill-konsumaturi jippreżentaw ilmenti u ***jinfurmawhom*** dwar kwalunkwe inċident jew kwistjoni ta' sikurezza li jkunu esperenzaw bil-prodott.

disponibbli pubblikament għall-konsumaturi mezzi ta' komunikazzjoni bħan-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku jew it-taqṣima ddedikata, ***bħal servizz għall-klijenti***, tas-sit web tagħhom, li jippermettu lill-konsumaturi jippreżentaw ilmenti ***b'mod faċli u aċċessibbli u jinfurmaw lill-manifatturi*** dwar kwalunkwe inċident jew kwistjoni ta' sikurezza li jkunu esperenzaw bil-prodott.

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-manifatturi għandhom ***iżommu*** lid-distributuri, lill-importaturi ***u*** lis-swieq online fil-katina tal-provvista kkonċernata ***infurmati*** bi kwalunkwe kwistjoni ta' sikurezza li jkunu identifikaw.

#### *Emenda*

3. Il-manifatturi għandhom ***jinfurmaw*** lid-distributuri, lill-importaturi, lis-swieq online ***u lill-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni*** fil-katina tal-provvista kkonċernata ***mingħajr dewmien żejjed*** bi kwalunkwe kwistjoni ta' sikurezza li jkunu identifikaw.

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttora

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-manifatturi għandhom ifasslu dokumentazzjoni teknika tal-prodott. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha, ***kif*** xieraq:

#### *Emenda*

4. Il-manifatturi għandhom ifasslu dokumentazzjoni teknika tal-prodott ***qabel iqiegħdu fis-suq***. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha ***mill-inqas deskriżżjoni ġenerali tal-prodott u tal-proprietajiet essenziali tiegħu li huma rilevanti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodott. Meta jitqies xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn prodott, id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha addizzjonalment:***

## **Emenda 66**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) deskrizzjoni ġenerali tal-prodott u tal-proprietajiet esenzjali tiegħu li huma rilevanti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodott;

*Emenda*

*imħassar*

## **Emenda 67**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-lista tal-istandardi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 6(1), punt a, jew l-elementi l-oħra msemmija fl-Artikolu 7(3), applikati biex jissodisfaw **r-rekwiżit** tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.

*Emenda*

(c) il-lista tal-istandardi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 6(1), punt a, jew l-elementi l-oħra msemmija **fl-Artikolu 6(1), punt b, fl-Artikolu 7(1) u fl-Artikolu 7(3)**, applikati biex jissodisfaw **ir-rekwiżit** tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5;

## **Emenda 68**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) fejn rilevanti, in-Numru Ewropew tal-Oġġetti.**

## **Emenda 69**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta xi standards Ewropej, rekwiżiti jew elementi tas-saħħha u s-sikurezza msemmija

Meta xi standards Ewropej, rekwiżiti jew elementi tas-saħħha u s-sikurezza msemmija

*fl-Artikolu 7(3) ikunu ġew applikati biss parzialment, għandhom jiġu identifikati l-partijiet li ġew applikati.*

*fl-Artikoli 6, 7(1) u 7(3) ikunu ġew applikati biss parzialment, għandhom jiġu identifikati l-partijiet li ġew applikati.*

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun ***tqiegħed*** fis-suq, u fuq talba jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

#### *Emenda*

5. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika ***aġġornata*** għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun ***sar disponibbli*** fis-suq, u fuq talba jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tal-prodott, li l-konsumaturi jkunu jistgħu jarawh u ***jaqrawh faċilment*** jew li, meta d-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, tingħata l-informazzjoni meħtieġa fuq l-imballaġġ jew ***fid-dokument*** li jkun hemm mal-prodott.

#### *Emenda*

6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tal-prodott, li l-konsumaturi jkunu jistgħu ***faċilment*** jarawh, ***jaqrawh*** u ***jifhmuh*** jew li, meta d-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, tingħata l-informazzjoni meħtieġa fuq l-imballaġġ jew ***f'dokument diġitali*** li jkun hemm mal-prodott. ***Fuq talba tal-konsumatur, hija għandha tkun disponibbli fuq il-karta u mingħajr ħlas.***

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 7

*Test proposet mill-Kummissjoni*

7. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irregistratora tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħi jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. L-indirizz għandu jindika punt uniku ta' kuntatt fejn jiasta' jiġi kkuntattjat il-manifattur.

*Emenda*

7. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irregistratora tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħi jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. L-indirizz għandu jindika punt uniku ta' kuntatt, **u numru tat-telefon** fejn jiasta' jiġi kkuntattjat il-manifattur.

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 9**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li hemm proċeduri fis-seħħ biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.

*Emenda*

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li hemm proċeduri fis-seħħ biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 **u jirrispettaw l-Artikoli 6 u 7.**

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament  
Artikol 8 – paragrafu 9a (new)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**9a. Il-manifatturi għandhom jiżguraw il-funzjonament sikur kontinwu tal-prodotti konnessi matul il-ħajja mistennija tagħhom. Għal dan il-għan, huma għandhom jipprovdu salvagwardji speċifiċi biex jipprevjenu r-riskju ta' uploads ta' software jew alterazzjonijiet diġitali oħra li jistgħu jipperikolaw is-sikurezza tal-prodotti.**

**Għal dawk il-prodotti diġitali konnessi li x'aktarx li jkollhom impatt fuq it-tfal, il-manifatturi għandhom iwettqu**

*valutazzjoni tar-riskju għat-tfal li tiżgura li l-prodotti tagħhom jiġi disfaw l-ogħla standards ta' sikurezza, sigurta u privatezza mid-disinn.*

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

11. Il-manifatturi għandhom, **permezz tas-Safety Business Gateway msemmi fl-Artikolu 25**, javżaw minnufih lill-konsumaturi dwar ir-riskju li prodott li huma mmanifatturaw jippreżenta għas-saħħha u s-sikurezza tagħhom u jinformat minnufih lill-awtoritajiet tas-suq tal-Istati Membri li fihom **il-prodott** ikun sar disponibbli **għal dak il-għan**, billi jaġħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun digħi tħalli.

*Emenda*

11. Il-manifatturi għandhom javżaw minnufih lill-konsumaturi dwar ir-riskju li prodott li huma mmanifatturaw jippreżenta għas-saħħha u s-sikurezza tagħhom **f'konformità mal-Artikolu 33. Il-konsumaturi għandhom jiġi avżati minnufih permezz ta' informazzjoni ċara u mmirata tal-inqas bil-lingwi uffiċċali tal-pajjiż ta' residenza tagħhom, inkluż iż-żda mhux esklużivament bl-użu ta' mezzi diġitali. Barra minn hekk, il-manifatturi għandhom, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, jinformat minnufih lill-awtoritajiet tas-suq tal-Istati Membri li fihom **prodott perikoluż** ikun sar disponibbli, billi jaġħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun digħi tħalli.**

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) meta jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott inkwistjoni jippreżenta riskju, jinformat lill-manifattur;

*Emenda*

(b) meta jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott inkwistjoni jippreżenta riskju, jinformat lill-manifattur **u barra minn hekk, jekk ikun meħtieġ, lill-importatur, lid-distributur u lill-fornitur tas-servizz ta' ġestjoni u jinnotifikaw il-prodott permezz**

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel iqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(4), (6) u (7).

*Emenda*

1. Qabel iqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(4), (6), (7) u (8).

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta importatur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mal-Artikolu 5 u l-Artikolu 8(4), (6) u (7), dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm ikun inġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta prodott ma jkunx sikur, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u ***jiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu informati.***

*Emenda*

2. Meta importatur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mal-Artikolu 5 u l-Artikolu 8(4), (6) u (7), dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm ikun inġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta prodott ma jkunx sikur, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***mingħajr dewmien żejjed.***

## **Emenda 79**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-importaturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti, relatati mal-prodotti li jkunu għamlu disponibbli fis-suq u

*Emenda*

6. L-importaturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti relatati mal-prodotti li jkunu għamlu disponibbli fis-suq u

rirregistraw *dawn l-ilmenti, kif ukoll* is-sejħiet lura tal-prodotti, fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu *jew* fir-reġistru tagħhom stess. L-importaturi għandhom iżommu lill-manifattur u lid-distributuri infurmati dwar l-investigazzjoni mwettqa u dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni.

rirregistraw is-sejħiet lura tal-prodotti, fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, *u* fir-reġistru tagħhom stess. L-importaturi għandhom iżommu lill-manifattur u lid-distributuri infurmati dwar l-investigazzjoni mwettqa u dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni.

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u ***mal-manifattur*** biex jiżguraw li prodott ikun sikur.

#### *Emenda*

7. L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, ***mal-manifattur u, jekk meħtieġ, ma' operaturi ekonomiċi rilevanti oħra*** biex jiżguraw li prodott ikun sikur.

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx sikur għandhom jinformat minnufih lill-manifattur u jiżguraw li jiġu adottati l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, inkluż l-irtirar jew is-sejħa lura, kif xieraq. F'każ li dawn il-miżuri ma jkunux ġew adottati, l-importaturi għandu jadottahom. L-importaturi għandhom ***jiżguraw li***, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, ***il-konsumaturi jiġi mgħarrfa minnufih u b'mod effettiv bir-riskju fejn applikabbli u li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-***

#### *Emenda*

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx sikur għandhom jinformat minnufih lill-manifattur u jiżguraw li jiġu adottati l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, inkluż l-irtirar jew is-sejħa lura, kif xieraq. F'każ li dawn il-miżuri ma jkunux ġew adottati, l-importaturi għandu jadottahom. L-importaturi għandhom permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, ***javżaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu għamlu l-prodott disponibbli, filwaqt li jagħtu d-***

Istati Membri li fihom ikunu għamlu l-prodott disponibbli ***għal dak il-għan jiġu infurmati minnufih***, filwaqt li jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun diġà ttieħdet.

dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun diġà ttieħdet. ***Barra minn hekk, għandhom javżaw lill-konsumaturi skont l-Artikolu 33.***

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 9

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

9. L-importaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8(4) għal ***perjodu ta'*** 10 snin wara li l-prodott ikun ***tqiegħed*** fis-suq, u fuq talba jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

#### *Emenda*

9. L-importaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8(4) għal 10 snin wara li l-prodott ikun ***magħmul disponibbli*** fis-suq, u fuq talba jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

1. Qabel jagħmlu prodott disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-manifattur u l-importatur ikunu ***konformi*** mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli.

#### *Emenda*

1. Qabel jagħmlu prodott disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-manifattur u l-importatur ikunu ***kknformaw*** mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(6), (7) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

3. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-

#### *Emenda*

3. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-

informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, ma għandhomx jagħmlu l-prodott disponibbli fis-suq sakemm ikun inġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sikur, id-distributur għandu jinforma minnufih lill-manifattur **jew** lill-importatur, kif applikabbli, għal dak il-għan u għandu jiżgura li, permezz tas-Safety Business Gateway msemmija fl-Artikolu 25, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu informati.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq ma jkunx sikur jew ma jkunx konformi mal-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dan il-prodott isir konformi, inkluż l-irtirar jew is-sejħa lura, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sikur, id-distributuri għandhom jinformataw minnufih lill-manifattur **jew** lill-importatur, kif applikabbli, għal dak il-għan u għandhom **jiżguraw li**, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmija fl-Artikolu 25, ***l-awtoritajiet*** tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu għamlu l-prodott disponibbli għal dak il-għan jiġu infurmati, filwaqt li jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet.

informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, ma għandhomx jagħmlu l-prodott disponibbli fis-suq sakemm ikun inġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sikur, id-distributur għandu jinforma minnufih lill-manifattur **u** lill-importatur, kif applikabbli, għal dak il-għan u għandu jiżgura li, permezz tas-Safety Business Gateway msemmija fl-Artikolu 25, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu informati.

*Emenda*

4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq ma jkunx sikur jew ma jkunx konformi mal-Artikolu 5, **mal-Artikolu** 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dan il-prodott isir konformi, inkluż l-irtirar jew is-sejħa lura, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sikur, id-distributuri għandhom jinformataw minnufih lill-manifattur **u** lill-importatur, kif applikabbli, għal dak il-għan u għandhom **minnufih javżaw**, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmija fl-Artikolu 25, ***lill-awtoritajiet*** tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu għamlu l-prodott disponibbli għal dak il-għan jiġu infurmati, filwaqt li jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet.

## **Emenda 86**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Meta prodott ikun ġie mmodifikat sostanzjalment skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu, dak il-prodott jista' jitressaq għal valutazzjoni tar-riskju ġdida skont l-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament.*

## **Emenda 87**

### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċessi interni għas-sikurezza tal-prodotti, li jippermettulhom jirrispettaw ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.

L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċessi interni għas-sikurezza tal-prodotti, li jippermettulhom jirrispettaw ***l-obbligi kollha stabiliti f'dan ir-Regolament, inkluż ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.***

*Dawn il-proċessi interni għandhom jinkludu mill-inqas programmi ta' reġistrazzjoni u investigazzjoni tal-inċidenti, proċess ta' verifika tal-konformità u valutazzjoni tar-riskju. Huma għandhom jiġu awditjati b'mod indipendent i-met jkun meħtieġ. L-operaturi ekonomiċi għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli ħarsa ġenerali ta' dan ir-rapport tal-awditu.*

## **Emenda 88**

### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-

sorveljanza tas-suq fir-rigward ta' azzjonijiet li jistgħu jeliminaw jew inaqqsu r-riskji ppreżentati minn prodotti disponibbli fis-suq minn dawk l-operaturi.

sorveljanza tas-suq ***u fejn rilevanti ma' awtoritajiet oħra*** fir-rigward ta' azzjonijiet li jistgħu jeliminaw jew inaqqsu r-riskji ppreżentati minn prodotti ***magħmula*** disponibbli fis-suq minn dawk l-operaturi.

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-miżura korrettiva meħuda tkun effettiva fl-eliminazzjoni jew fil-mitigazzjoni tar-riskji. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jitkolbu lill-operaturi ekonomiċi jiġi sottomettu rapporti ta' progress regolari u jiddeċiedu jekk il-miżura korrettiva tistax titqies bħala kompluta jew meta tista' titqies bħala kompluta.

#### *Emenda*

5. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-miżura korrettiva meħuda tkun effettiva fl-eliminazzjoni jew fil-mitigazzjoni tar-riskji ***b'tali mod li l-prodott isir sikur skont it-tifsira tal-Artikoli 5, 6 u 7.*** L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jitkolbu lill-operaturi ekonomiċi jiġi sottomettu rapporti ta' progress regolari u jiddeċiedu jekk il-miżura korrettiva tistax titqies bħala kompluta jew meta tista' titqies bħala kompluta.

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. **L-Artikolu 4(1), (2) u (3)** tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jaapplika wkoll għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, ir-referenzi għal "leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni" fl-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jinqraw bħala "Regolament [...]".

#### *Emenda*

1. ***L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni jew għandu jkollhom persuna rappreżentanta fl-Unjoni sabiex iqiegħdu prodott kopert minn dan ir-Regolament fis-suq uniku, u għalhekk l-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/1020 ***applikabbi għall-prodotti armonizzati*** għandu jaapplika wkoll għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għal "leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni" fl-Artikolu 4(1), (2) u (3)***

tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jinqraw bħala "Regolament [...]".

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Minbarra l-kompli msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu perjodikament iwettaq ittestjar ta' kampjuni ***ta' prodotti magħżula b'mod aleatorju*** disponibbli fis-suq. Meta l-prodotti disponibbli fis-suq ikunu ġew soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata skont l-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jwettaq, mill-inqas darba fis-sena, għad-durata kollha tad-deċiżjoni, ittestjar ta' kampjuni rappreżentattivi ta' prodotti disponibbli fis-suq magħżula taħt il-kontroll ta' uffiċjal ġudizzjarju jew ta' kwalunkwe persuna kkwalifikata maħtura mill-Istat Membru fejn jinsab l-operatur ekonomiku.

#### *Emenda*

2. Minbarra l-kompli msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu perjodikament iwettaq ittestjar ta' kampjuni ***tal-kategoriji tal-prodotti elenkti l-aktar spiss fuq is-Safety Gate, li hu jkun għamel*** disponibbli fis-suq. ***Dawn il-prodotti għandhom jintgħażlu b'mod aleatorju u għandhom jinkludu prodotti li l-volum tal-bejgħ tagħhom huma sinifikanti fir-rigward tal-volum medju tal-bejgħ tal-prodotti fl-istess kategorija.*** Meta l-prodotti disponibbli fis-suq ikunu ġew soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata skont l-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jwettaq, mill-inqas darba fis-sena, għad-durata kollha tad-deċiżjoni, ittestjar ta' kampjuni rappreżentattivi ta' prodotti disponibbli fis-suq magħżula taħt il-kontroll ta' uffiċjal ġudizzjarju jew ta' kwalunkwe persuna kkwalifikata maħtura mill-Istat Membru fejn jinsab l-operatur ekonomiku.

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-isem, l-isem kummerċjali

#### *Emenda*

3. L-isem, l-isem kummerċjali

rreġistrat jew it-trademark irregiestrata, u d-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz postali u elettroniku, tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jiġu indikati fuq il-prodott jew fuq l-imballaġġ tiegħu, il-pakkett jew dokument ta' akkumpanjament.

rreġistrat jew it-trademark irregiestrata, u d-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz postali u **dak** elettroniku **u n-numru tat-telefon**, tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jiġu indikati fuq il-prodott jew fuq l-imballaġġ tiegħu, il-pakkett jew dokument ta' akkumpanjament.

### Emenda 93

#### Proposta għal regolament Artikolu 15a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 15a*

##### *Intrapriżi żgħar u medji u mikrointrapriżi*

1. *Sabiex l-operaturi ekonomiċi li huma SMEs u mikronegozji jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19 u 20 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippordilhom linji gwida prattiċi u gwida mfassla apposta li jinkludu simplifikazzjonijiet prattiċi mill-obbligi l-ġodda, fejn ikun possibbli, sabiex il-piż amministrattiv tagħhom jiġi limitat. Fl-istess ħin, għandu jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju.*

2. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 41 biex tiggarantixxi l-appoġġ għall-SMEs u l-mikrointrapriżi kif spjegat fil-paragrafu 1.*

### Emenda 94

#### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Għal ċerti prodotti, kategoriji jew

1. Għal ċerti prodotti, kategoriji jew

gruppi ta' prodotti, li huma suxxettibbli li jkollhom riskju gravi għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, abbażi tal-inċidenti reġistrati fis-Safety Business Gateway, l-istatistika tas-Safety Gate, ir-riżultati tal-attivitajiet konġunti dwar is-sikurezza tal-prodotti u indikaturi jew evidenza rilevanti oħra, il-Kummissjoni **tista'** tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu u jagħmlu disponibbli dawk il-prodotti fis-suq, jistabbilixxu jew jaderixxu **għal** sistema ta' traċċabbiltà.

gruppi ta' prodotti, li huma suxxettibbli li jkollhom riskju gravi għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, abbażi tal-inċidenti reġistrati fis-Safety Business Gateway, l-istatistika tas-Safety Gate, ir-riżultati tal-attivitajiet konġunti dwar is-sikurezza tal-prodotti u indikaturi jew evidenza rilevanti oħra, il-Kummissjoni **għandha** tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu u jagħmlu disponibbli dawk il-prodotti fis-suq jistabbilixxu jew jaderixxu **ma'** sistema ta' traċċabbiltà **jew jirrikjedu valutazzjoni tal-konformità minn parti terza indipendenti.**

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-sistema ta' traċċabbiltà għandha tikkonsisti fil-ġbir u l-ħażin ta' data b'mezzi elettroniċi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodott, il-komponenti tiegħu jew tal-operaturi ekonomiċi involuti fil-katina tal-provvista tiegħu kif ukoll fil-modalitajiet biex tintwera u tiġi aċċessata dik id-data, inkluż it-tqeħid ta' trasportatur tad-data fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokumenti ta' akkumpanjament.

#### *Emenda*

2. Is-sistema ta' traċċabbiltà għandha tikkonsisti fil-ġbir u l-ħażin ta' data b'mezzi elettroniċi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodott, il-komponenti tiegħu jew tal-operaturi ekonomiċi involuti fil-katina tal-provvista tiegħu kif ukoll fil-modalitajiet biex tintwera u tiġi aċċessata dik id-data, inkluż it-tqeħid ta' trasportatur tad-data fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokumenti ta' akkumpanjament. **Il-modalitajiet tal-wiri għandhom jiżguraw it-traċċabbilità billi jagħmlu disponibbli informazzjoni li tkun ċara, tkun tista' tinqara u tintiehem.**

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3 – parti introduttora

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. **Il-Kummissjoni** għandha s-setħha li tadotta atti delegati f'konformità mal-

#### *Emenda*

3. **F'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Kummissjoni**

Artikolu 41 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi:

għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 41 ***mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta'*** ***dan ir-Regolament***, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi:

## Emenda 97

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) tispeċifika l-perjodu taż-żamma tad-data li l-operaturi ekonomiċi jiġbru u jaħżnu permezz tas-sistema ta' traċċabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 2. Il-perjodu taż-żamma u l-modalitajiet iridu jiggarrantxxu r-rispett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

## Emenda 98

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irregestrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew elettroniku fejn jistgħu jiġi kkuntattjati;

(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irregestrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew elettroniku ***u n-numru tat-telefon*** fejn jistgħu jiġi kkuntattjati;

## Emenda 99

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) informazzjoni biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip ***u, fejn disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje*** tiegħu u

(c) informazzjoni biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott;

kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott;

## Emenda 100

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-manifattur għandu ***jīżgura li***, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, inċident ikkawżat minn prodott imqiegħed jew disponibbli fis-suq ***jiġi nnotifikat*** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn seħħ l-inċident ***fi żmien jumejn tax-xogħol*** mill-mument li ***jkun sar jaf*** dwar l-inċident. In-notifika għandha tħalli t-tħalli t-tip u n-numru ta' identifikazzjoni tal-prodott kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-inċident jekk ikunu magħrufa. Il-manifattur għandu jinnotifika, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

#### *Emenda*

1. Il-manifattur għandu ***jinnotifikasi*** permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, inċident ***li jirriżulta f'riskju serju għas-saħħha jew is-sikurezza ta' konsumatur jew li fil-fatt jirriżulta f'dannu lil xi konsumatur*** ikkawżat minn prodott imqiegħed jew disponibbli fis-suq lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn seħħ l-inċident ***mingħajr dewmien żejjed mhux aktar tard*** mill-mument li ***fih ikun ġie infurmat*** dwar l-inċident. In-notifika għandha tħalli t-tħalli t-tip u n-numru ta' identifikazzjoni tal-prodott kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-inċident jekk ikunu magħrufa. Il-manifattur għandu jinnotifika, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

## Emenda 101

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-importaturi u d-distributuri li jkunu jafu b'inċident ikkawżat minn prodott li jkunu qiegħdu jew għamlu disponibbli fis-suq għandhom ***jinfurmaw lill-manifattur, li jista' jaġhti struzzjonijiet lill-importatur jew lil wieħed mid-distributuri biex jiproċedu bin-notifika.***

#### *Emenda*

2. L-importaturi u d-distributuri li jkunu jafu b'inċident ikkawżat minn prodott li jkunu qiegħdu jew għamlu disponibbli fis-suq għandhom ***jinnotifikaw din l-informazzjoni permezz tas-Safety Business Gateway mingħajr dewmien żejjed mill-mument li fih isiru jafu bl-inċident u għandhom jinfurmaw lill-manifattur mingħajr dewmien żejjed.***

## Emenda 102

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagraphu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Is-swieq online għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt li **jippermetti** komunikazzjoni diretta mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **tal-Istati Membri** fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari għal ordnijiet li jikkonċernaw offerti ta' prodotti perikolużi.

*Emenda*

1. Is-swieq online għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt **bl-ġħan** li **jiggarantixxu** komunikazzjoni *rapida u* diretta mal-awtoritajiet **kompetenti tal-Istati Membri, l-awtoritajiet** tas-sorveljanza tas-suq **u dawk doganali**, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari għal ordnijiet li jikkonċernaw offerti ta' prodotti perikolużi.

## Emenda 103

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagraphu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Is-swieq online għandhom jirreġistraw mal-portal Safety Gate u jindikaw fuq il-portal l-informazzjoni dwar il-punt uniku ta' kuntatt tagħhom.

*Emenda*

Is-swieq online għandhom jirreġistraw mal-portal Safety Gate u jindikaw fuq il-portal l-informazzjoni dwar il-punt uniku ta' kuntatt tagħhom.

*Din l-informazzjoni għandha tħalli l-isem, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon tal-punt uniku ta' kuntatt tagħhom. Is-swieq online għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt tagħhom tkun aġġornata u għandhom jaġġornaw l-informazzjoni mingħajr dewmien, jekk ikun meħtieġ.*

## Emenda 104

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagraphu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'dak li jikkonċerna s-setgħat

*Emenda*

2. F'dak li jikkonċerna s-setgħat

mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom is-setgħa, għall-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament, sabiex jordnaw lil suq online biex ineħħi kontenut illegali spċifiku li jirreferi għal prodott perikoluż mill-interfaċċa online tiegħu, jiddiżattiva l-aċċess għaliex jew juri twissija espliċita lill-utenti finali meta jaċċessawh. Dawn l-ordnijiet għandu jkun fihom dikjarazzjoni tar-raġunijiet u għandhom jispeċifikaw lokatur jew lokaturi uniformi tar-riżorsi preċiżi u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni ***tal-kontenut illegali kkonċernat***. Dawn jistgħu jiġu trażmessi permezz tal-portal Safety Gate.

mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom is-setgħa, għall-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament, sabiex jordnaw lil suq online biex ineħħi kontenut illegali spċifiku li jirreferi għal prodott perikoluż mill-interfaċċa online tiegħu, jiddiżattiva l-aċċess għaliex jew juri twissija espliċita lill-utenti finali meta jaċċessawh. Dawn l-ordnijiet għandu jkun fihom dikjarazzjoni ***ċara*** tar-raġunijiet u għandhom jispeċifikaw lokatur jew lokaturi uniformi tar-riżorsi preċiżi u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali ***disponibbli*** li tippermetti l-identifikazzjoni ***tal-prodott perikoluż ikkonċernat***. Dawn jistgħu jiġu trażmessi permezz tal-portal Safety Gate.

## Emenda 105

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Is-swieq online għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirċievu u jipproċessaw l-ordnijiet maħruġa f'konformità ma' dan il-paragrafu. Huma għandhom jaġixxu mal-wasla tal-ordni maħruġa mingħajr dewmien żejjed, ***u fi kwalunkwe każ*** fi żmien jumejn tax-xogħol fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online, mill-wasla tal-ordni. Huma għandhom jinfurmaw lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq emittenti dwar l-effett mogħti lill-ordni billi jużaw il-kuntatti tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ippubblikati fis-Safety Gate.

#### *Emenda*

Is-swieq online għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirċievu u jipproċessaw l-ordnijiet maħruġa f'konformità ma' dan il-paragrafu. Huma għandhom jaġixxu mal-wasla tal-ordni maħruġa mingħajr dewmien żejjed. ***Jekk l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikun fiha biżżejjed dettalji biex il-prodott perikoluż jiġi identifikat minnufi, is-swieq online għandhom jaġixxu fi żmien jum tax-xogħol wieħed. Jekk is-swieq online ikollhom iwettqu riċerka addizzjonali sabiex jidher kwalunkwe każ il-prodott, imbagħad għandhom jaġixxu*** fi żmien jumejn tax-xogħol fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online, mill-wasla tal-ordni. Huma għandhom jinfurmaw lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq emittenti dwar l-effett mogħti lill-ordni billi jużaw il-kuntatti tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ippubblikati fis-Safety Gate.

ippubblikati fis-Safety Gate.

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Is-swieq online għandhom iqisu l-informazzjoni regolari dwar prodotti perikolużi nnotifikata mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 24, riċevuta permezz tal-portal Safety Gate, għall-fini tal-applikazzjoni tal-miżuri volontarji tagħhom immirati lejn l-identifikazzjoni, it-tnejhija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-kontenut illegali li jirreferi għal prodotti perikolużi offruti fis-suq tagħhom, fejn applikabbli. Huma għandhom jinfurmaw lill-awtoritā li tkun għamlet in-notifika fis-Safety Gate dwar kwalunkwe azzjoni meħuda billi jużaw il-kuntatti tal-awtoritā tas-sorveljanza tas-suq ippubblikati fis-Safety Gate.

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Is-swieq online għandhom jagħtu tweġiba xierqa mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien **ħamest ijjem** tax-xogħol, fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online, għal avviżi relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti u prodotti perikolużi riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

*Emenda*

4. Is-swieq online għandhom jagħtu tweġiba xierqa mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien **jumejn** tax-xogħol, fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online, għal avviżi relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti u prodotti perikolużi riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5 – parti introduttora

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Dígitali (l-Att dwar is-Servizzi Dígitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, is-swieq online għandhom ifasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li l-kummerċjanti jkunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni li ġejja għal kull prodott offrut u jiżguraw li din tintwera jew li b'xi mod ieħor ***tkun*** faċilment aċċessibbli mill-konsumaturi ***fuq l-elenkar tal-prodott:***

*Emenda*

5. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Dígitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, is-swieq online għandhom ifasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li l-kummerċjanti jkunu jistgħu ***jużaw is-servizz tagħhom biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Is-swieq online għandhom jiżguraw li l-kummerċjanti jipprovdu l-informazzjoni li ġejja għal kull prodott offrut u jiżguraw li din tintwera jew li b'xi mod ieħor issir faċilment aċċessibbli u tinfiehem mill-konsumaturi *fis-suq permezz tal-interfaċċa online;****

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew elettroniku fejn ***jistgħu jiġi kkuntattjati;***

*Emenda*

(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat ***u/*** jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew ***dak*** elettroniku ***u n-numru tat-telefon*** fejn ***il-manifattur jista' jiġi kkuntattjat;***

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) meta l-manifattur ma jkunx stabbilit

*Emenda*

(b) meta l-manifattur ma jkunx stabbilit

fl-Unjoni, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-persuna responsabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1);

fl-Unjoni, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-persuna responsabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1) **ta' dan ir-Regolament;**

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) **informazzjoni** biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip u, fejn disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott;

*Emenda*

(c) **l-informazzjoni meħtieġa** biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip u, fejn disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott;

## Emenda 112

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) kwalunkwe twissija jew informazzjoni dwar is-sikurezza li għandha titwaħħal fuq il-prodott jew li takkumpanjah f'konformità ma' dan ir-Regolament jew mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni b'lingwa li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi.

*Emenda*

(d) kwalunkwe twissija jew informazzjoni dwar is-sikurezza li għandha titwaħħal fuq il-prodott jew li takkumpanjah f'konformità ma' dan ir-Regolament jew mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni b'lingwa li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi.

## Emenda 113

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragraf 5a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

a. **Is-swieg online għandhom jiżguraw li l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 5 ipprovdu ta mill-kummerċjant tkun kompluta qabel ma l-prodotti**

*jitħallew jiġu offruti fis-suq permezz tal-interfaċċi online tagħhom.*

*b. Is-suq online, malli jirċievi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 5 u sa tmiem ir-relazzjoni kuntrattwali mal-kummerċjant, għandu jagħmel l-aħjar sforzi biex jiċċekkja l-informazzjoni pprovdu mill-kummerċjant permezz tal-użu ta' kwalunkwe bażi tad-data online uffiċċiali aċċessibbli mingħajr ħlas jew interfaċċa online li ssir disponibbli minn Stat Membru jew mill-Unjoni jew permezz ta' talbiet lill-utent kummerċjali biex jipprovd dokumenti ġustifikattivi mingħand sorsi affidabbli.*

*c. Fejn is-suq online jottjeni bizzżejjed indikazzjonijiet jew ikollu raġunijiet biex jemmen li l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 5 mhijiex eżatta jew korretta, għandu jitlob lill-kummerċjant jikkoreġi l-informazzjoni sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha tkun preċiża u kompluta minnufih sabiex ikun jista' jiġi offrut il-prodott fuq l-interfaċċa tiegħu. Meta l-kummerċjant jonqos milli jikkoreġi jew jikkompleta dik l-informazzjoni, is-suq online għandu jissospendi temporanjament il-forniment tas-servizz tiegħu lill-kummerċjant f'dak li għandu x'jaqsam mal-offerta ta' prodotti lill-konsumaturi sakemm it-talba tiġi ssodisfata għalkollox.*

*Is-swieg online għandhom jirrapportaw lil dawk il-kummerċjanti lill-awtoritatiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Business Safety Gateway.*

*d. Is-swieg online minn żmien għal żmien għandhom iwettqu spezzjonijiet viżwali u ttestjar ta' kampjuni ta' prodotti magħżula b'mod aleatorju b'kunsiderazzjoni ta' rapporti preċedenti, ta' bażiżiet tad-data, ta' rieżamijiet u ta' riskji u ħsarat potenzjali għall-konsumaturi.*

*e. Is-swieg online għandhom jistabbilixxu konnessjoni mas-Safety*

*Gate, pereżempju permezz ta' interfaċċa għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet (API), li tippermettilhom iqabblu malajr u b'mod effiċjenti l-prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti offrutti fis-suq tagħhom fejn ikollhom raġuni biex jemmnu li l-prodotti huma perikolużi. Jekk dan il-proċess jiskopri prodott li qabel kien instab li kien perikoluż, is-suq online għandu jinforma lill-kummerċjant u jħassar il-kontenut malajr u b'mod effiċjenti. Barra minn hekk, is-suq online għandu jistabbilixxi bażi tad-data interna ta' dawk il-prodotti perikolużi li jkunu tneħħew qabel u jagħmel l-aħjar sforzi biex jevita li dawk il-prodotti jerġgħu jitfaċċaw fuq l-interfaċċa online tagħhom. Is-suq online għandu jinforma lill-awtorità kompetenti emittenti bi kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jkun se jieħu f'dan ir-rigward.*

*L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu ma għandha twassal għall-ebda obbligu ġenerali ta' monitoraġġ u għandha tkun soġġetta għal rieżami minn bniedem.*

*f. Is-swiegħ online li jkunu ġew informati b'aċċident li jirriżulta f'riskju serju jew ħsara reali għas-saħħha jew is-sikurezza ta' konsumatur ikkawżat minn prodott li jkun sar disponibbli fis-suq tagħhom għandhom jinnotifikaw dan mingħajr dewmien żejjed lis-Safety Business Gateway u jinfurmaw lill-manifattur b'dan.*

*g. Is-swiegħ online għandhom jiżguraw li l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 5 tkun faċiilment aċċessibbli u tinfiehem għall-konsumaturi mill-interfaċċi online tagħhom. L-interfaċċa online tas-swiegħ online għandha tippermetti wkoll lill-konsumaturi jifhmu d-drittijiet tagħhom f'każ ta' kwistjoni relatata mas-sikurezza tal-prodotti.*

## Emenda 114

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 6 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (a) kooperazzjoni biex jiġu żgurati sejħiet lura effettivi tal-prodotti, inkluż billi jiġi evitat li jitqiegħdu ostakli għas-sejħiet lura tal-prodotti;

*Emenda*

- (a) kooperazzjoni biex jiġu żgurati sejħiet lura effettivi tal-prodotti, inkluż billi jiġi evitat li jitqiegħdu ostakli għas-sejħiet lura tal-prodotti ***u jiġi ppubblikat l-avviż tas-sejħa lura fuq is-sit web tagħhom;***

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 6 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (d) li jiġi permess l-aċċess għall-interfaċċi tagħhom għall-għodod online mħaddma mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jidentifikaw prodotti perikolużi;

*Emenda*

- (d) li jiġi permess l-aċċess għall-interfaċċi tagħhom għall-għodod online mħaddma mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jidentifikaw prodotti perikolużi ***filwaqt li jirrispettaw informazzjoni kummerċjali sensittiva;***

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu -1 (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- 1. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom japplikaw dan ir-Regolament filwaqt li jqisu l-prinċipju ta' prekawzjoni b'mod proporzjonat.***

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- 4a. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu xiri bil-moħbi***

*inkluż fi swieq tax-xiri online, fuq bażi regolari sabiex jivverifikaw b'mod partikolari s-sikurezza tal-kategorji tal-prodotti li huma indikati l-aktar fuq is-Safety Gate;*

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 22a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Artikolu 22a*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull miżura meħuda mill-awtoritajiet kompetenti li tinvolvi restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodott jew li tirrikjedi l-irtirar jew is-sejħa lura tista' tiġi sfidata quddiem il-qrat kompetenti.*

## Ġustifikazzjoni

*Introduzzjoni mill-ġdid mid-Direttiva dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti (DSĠP).*

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa u **żżomm sistema** ta' twissija rapida għall-iskambju ta' informazzjoni dwar miżuri korrettivi li jikkonċernaw prodotti perikolużi ("is-Safety Gate").

1. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa u **timmodernizza s-sistema** ta' twissija rapida għall-iskambju ta' informazzjoni dwar miżuri korrettivi li jikkonċernaw prodotti perikolużi ("is-Safety Gate"), *kif ukoll ittejjeb l-effiċjenza tagħha, b'mod partikolari billi tiprovvdi interfaċċa interoperabbli għas-swieq online biex jorbtu s-sit web tagħhom mas-Safety Gate, sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw b'mod faċċi, malajr u b'mod affidabbli l-prodotti u l-kategorji tal-prodotti.*

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Rapex (Safety Gate) eżistenti jeħtieġ li tiġi aġġornata. Jekk is-swiegq online jintalbu jassumu aktar responsabbiltà milli neħtieġu biex niżguraw li fil-fatt jistgħu jagħmlu dak li jintalbu jagħmlu. Huwa biss jekk is-Safety Gate tippermetti informazzjoni rapida, affidabbl u preċiża ta' prodott perikoluż li s-swiegq online jistgħu jintablu jivverifikaw din is-sistema qabel ma jqiegħdu l-prodott online.*

### **Emenda 120**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għas-Safety Gate skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32. Huma għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar il-prodotti li jistgħu jkunu ta' riskju għas-sahħha u għal żona separata fil-portal fejn jistgħu jinformati lill-Kummissjoni dwar prodotti li jippreżentaw riskju għal saħħithom.*

### **Emenda 121**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 24 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6a. Il-Kummissjoni għandha tagħti ħarsa ġenerali separata tal-manifatturi u l-kummerċjanti li l-prodotti tagħhom ġew innotifikati u nstabu li mhumiex sikuri fis-Safe Gate aktar minn tliet darbiet, u tal-manifatturi li jkunu tħassru mis-swiegq online bħala riżultat ta' ksur ripetut.*

### **Emenda 122**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 24 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a.** *L-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu informati dwar id-deċiżjoni li l-prodott tagħhom jiġi inkluż fis-Safety Gate mingħajr dewmien żejjed. Fejn operatur ekonomiku jemmen li l-prodott tiegħu ġie inkluż fis-Safety Gate b'mod żbaljat, huwa għandu jkun jista' jipprovdi kummenti lill-awtoritā tas-sorveljanza tas-suq rilevanti. Il-proċedura ta' sejħa lura ma għandhiex titwaqqaf qabel ma jkun instab li t-talba tal-operatur ekonomiku hi leġittima.*

### **Emenda 123**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 24 – paragrafu 8b (ġidid)**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8b.** *Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex tiżgura infurzar aktar uniformi u komunikazzjoni legalment ċerta meta tkun qed tittratta n-notifikasi ta' sejħa lura u t-talbiet rispettivi mill-awtoritajiet kompetenti.*

### **Emenda 124**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 25 – paragrafu 1**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm web portal li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jipprovdu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lill-konsumaturi ***bl-informazzjoni*** msemmija fl-Artikoli 8(11), 9(2) punt c), 10(8), 11(3), 11(4) u l-Artikolu 19.

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm web portal ***faċilment aċċessibbli*** li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jipprovdu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lill-konsumaturi ***l-informazzjoni*** msemmija fl-Artikoli 8(11), 9(2) punt c), 10(8), 11(3), 11(4) u l-Artikolu 19 ***li għandu jkun aċċessibbli għall-konsumaturi b'diżabilità.***

## Emenda 125

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttora

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Jekk il-Kummissjoni ssir taf bi prodott, jew kategorija jew grupp spċificu ta' prodotti li joħolqu riskju serju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi, hija tista' tieħu kwalunkwe miżura xierqa, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Istati Membri, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, adattati għall-gravità u l-urġenza tas-sitwazzjoni jekk, ***fl-istess ħin:***

##### *Emenda*

1. Jekk il-Kummissjoni ssir taf bi prodott, jew kategorija jew grupp spċificu ta' prodotti li joħolqu riskju serju għas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi, hija tista' tieħu kwalunkwe miżura xierqa, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Istati Membri, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, adattati għall-gravità u l-urġenza tas-sitwazzjoni jekk:

#### Ġustifikazzjoni

*Jekk il-kriterji jkunu kumulattivi, il-mandat tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni huwa limitat wisq.*

## Emenda 126

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ir-riskju jista' jiġi eliminat biss b'mod effettiv billi jiġu adottati l-miżuri xierqa applikabbi fil-livell tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

##### *Emenda*

(c) ir-riskju jista' jiġi eliminat biss b'mod effettiv billi jiġu adottati l-miżuri xierqa ***u proporzjoniati*** applikabbi fil-livell tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

## Emenda 127

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskji, il-prodotti

##### *Emenda*

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskji, il-prodotti

perikolużi, il-metodi u r-riżultati tat-testijiet, l-iżviluppi xjentifiċi reċenti kif ukoll aspetti oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-kontroll;

perikolużi, il-metodi u r-riżultati tat-testijiet, l-iżviluppi xjentifiċi reċenti kif ukoll aspetti oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-kontroll ***bħall-kunsiderazzjoni tal-Istandards Ewropej biex tīġi pprovduta preżunzjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament;***

### Ġustifikazzjoni

*Huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jinżammu infurmati dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti.*

## Emenda 128

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jistgħu jiddeċiedu li jwettqu azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll ("sweeps") ta' kategoriji ta' prodotti partikolari biex*** jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-Regolament jew ***biex*** jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***għandhom iwettqu azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll ("sweeps") fuq bażi regolari, mill-inqas darba f'sena, li fihom*** jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-Regolament jew jidentifikaw ksur ***online u offline*** ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 129

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri dwar prodotti li joħolqu riskji għas-saħħha u ssikurezza tal-konsumaturi għandha tkun disponibbli ***b'mod ġenerali*** lill-pubbliku, f'konformità mar-rekwiżiti tat-trasparenza u mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet ta' monitora għgħid u investigazzjoni. B'mod partikolari, il-

#### *Emenda*

1. L-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri dwar prodotti li joħolqu riskji għas-saħħha u ssikurezza tal-konsumaturi ***jew informazzjoni meqjusa rilevanti sabiex jiġu protetti l-interessi tal-utenti finali*** għandha tkun disponibbli lill-pubbliku, f'konformità mar-rekwiżiti tat-trasparenza u mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet

pubbliku għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-prodotti, in-natura tar-riskju u l-miżuri meħuda. Din l-informazzjoni għandha tingħata f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

meħtieġa għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u investigazzjoni. B'mod partikolari, il-pubbliku għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-prodotti, in-natura tar-riskju u l-miżuri meħuda. Din l-informazzjoni għandha tingħata f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

### Ġustifikazzjoni

*L-informazzjoni relatata mal-miżuri dwar il-prodotti jew is-sikurezza tal-prodotti għandha tkun disponibbli għall-utenti finali kollha.*

### Emenda 130

#### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-konsumaturi u lill-partijiet interessati l-oħra l-opportunità li jissottomettu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti rigward is-sikurezza tal-prodotti u dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u kontroll u dawn l-ilmenti għandhom jiġu segwiti kif xieraq.

##### *Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-konsumaturi *jew organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-konsumaturi* u lill-partijiet interessati l-oħra l-opportunità li jissottomettu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti rigward is-sikurezza tal-prodotti u dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u kontroll u dawn l-ilmenti għandhom jiġu segwiti kif xieraq. *L-awtorità li lilha jkun tressaq l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur bil-progress tal-proċedimenti u bid-deċiżjoni meħuda.*

### Emenda 131

#### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 19, il-Kummissjoni għandha

##### *Emenda*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 19, il-Kummissjoni għandha

żżomm portal Safety Gate, li jipprovdi lill-pubbliku ġeneralni b'aċċess liberu għal informazzjoni magħżula nnotifikata f'konformità mal-Artikolu 24.

żżomm portal Safety Gate, li jipprovdi lill-pubbliku ġeneralni b'aċċess liberu għal informazzjoni magħżula nnotifikata f'konformità mal-Artikolu 24. **Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dan is-sit web ikun jista' jinstab faċilment u jkun aċċessibbli għall-pubbliku ġeneralni.**

## Emenda 132

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. F'każ ta' sejħa lura jew fejn ċerta informazzjoni trid tinġieb għall-attenzjoni **tal-konsumaturi** biex jiġi żgurat l-użu sikur ta' prodott ("twissija ta' sikurezza"), l-operaturi ekonomiċi, f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom kif previst fl-Artikoli 8, 9, 10 u **11**, għandhom jinnotifikaw direttament lill-konsumaturi affettwati kollha li jistgħu jidher. L-operaturi ekonomiċi li jiġbru d-data personali tal-klijenti tagħhom għandhom jagħmlu użu minn din l-informazzjoni għal-sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza.

*Emenda*

1. F'każ ta' sejħa lura jew fejn ċerta informazzjoni trid tinġieb għall-attenzjoni **tal-utenti finali** biex jiġi żgurat l-użu sikur ta' prodott ("twissija ta' sikurezza"), l-operaturi ekonomiċi, f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom kif previst fl-Artikoli 8, 9, 10, **11 u 12**, għandhom jinnotifikaw direttamente lill-konsumaturi affettwati kollha li jistgħu jidher. L-operaturi ekonomiċi li jiġbru d-data personali tal-klijenti tagħhom għandhom jagħmlu użu minn din l-informazzjoni **neċċesarja** għal-sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza. *Filwaqt li jqis u l-protezzjoni tad-data, is-swieq online għandhom jgħinu lill-operaturi ekonomiċi f'każ li jkunu biegħu il-prodott rispettiv fis-suq tagħhom biex jiksbu d-data tal-klijent speċifika meħtieġa sabiex titwettaq sejħa lura effiċċenti.*

## Emenda 133

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-operaturi ekonomiċi jkollhom sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti jew programmi ta' lealtà tal-

*Emenda*

2. Meta l-operaturi ekonomiċi jkollhom sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti jew programmi ta' lealtà tal-

klijenti fis-seħħ għal finijiet oħra minbarra li jikkuntattjaw lill-klijenti tagħhom b'informazzjoni dwar is-sikurezza, huma għandhom joffru l-possibbiltà lill-klijenti tagħhom li jipprovd u dettalji ta' kuntatt separati biss għall-finijiet ta' sikurezza. Id-data personali miġbura għal dak il-għan għandha tkun limitata għall-minimu meħtieġ u ***tista'*** tintuża biss biex jiġu kkuntattjati l-konsumaturi f'każ ta' sejħha lura jew twissija ta' sikurezza.

klijenti fis-seħħ għal finijiet oħra minbarra li jikkuntattjaw lill-klijenti tagħhom b'informazzjoni dwar is-sikurezza, huma għandhom joffru l-possibbiltà lill-klijenti tagħhom li jipprovd u dettalji ta' kuntatt separati biss għall-finijiet ta' sikurezza. Id-data personali miġbura għal dak il-għan għandha tkun limitata għall-minimu meħtieġ u ***għandha*** tintuża biss biex jiġu kkuntattjati l-konsumaturi f'każ ta' sejħha lura jew twissija ta' sikurezza.

### Ġustifikazzjoni

*Id-data personali pprovdu għas-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti għandha tintuża biss b'raba ma' sejħiet lura.*

### Emenda 134

#### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Jekk mhux il-konsumaturi affettwati kollha jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament, l-operaturi ekonomiċi, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, għandhom ixerrdu avviż ta' sejħha lura jew twissija ta' sikurezza permezz ta' mezzi xierqa oħra, filwaqt li jiżguraw l-usa' firxa possibbli inkluż, fejn disponibbli: is-sit web tal-kumpanija, il-mezzi tal-midja soċjali, bullettini u l-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u, kif xieraq, avviżi fil-midja tal-massa u mezzi oħra ta' komunikazzjoni. L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-konsumaturi b'diżabilità.

##### *Emenda*

4. Jekk mhux il-konsumaturi affettwati kollha jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament ***anke mingħajr l-ġħajnejna tas-swieg online f'konformità mal-paragrafu 1***, l-operaturi ekonomiċi, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, għandhom ixerrdu avviż ta' sejħha lura jew twissija ta' sikurezza permezz ta' mezzi xierqa oħra, filwaqt li jiżguraw l-usa' firxa possibbli inkluż, fejn disponibbli: is-sit web tal-kumpanija, il-mezzi tal-midja soċjali, bullettini u l-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u, kif xieraq, avviżi fil-midja tal-massa u mezzi oħra ta' komunikazzjoni. L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-konsumaturi b'diżabilità.

### Emenda 135

#### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2 – punt c

*Test propos mill-Kummissjoni*

(c) deskrizzjoni ċara tal-periklu assoċiat mal-prodott imsejjaħ lura, ***filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe*** element li jista' jnaqqas il-perċezzjoni tar-riskju tal-konsumaturi, inklużi termini u espressjonijiet bħal "volontarji", "prekawzjoni", "diskrezzjonal", "f'sitwazzjonijiet rari/speċifiċi" kif ukoll billi jiġi indikat li ma kien hemm l-ebda inċident irrapportat;

*Emenda*

(c) deskrizzjoni ċara tal-periklu assoċiat mal-prodott imsejjaħ lura, ***mingħajr l-ebda*** element li jista' jnaqqas il-perċezzjoni tar-riskju tal-konsumaturi, inklużi termini u espressjonijiet bħal "volontarji", "prekawzjoni", "diskrezzjonal", "f'sitwazzjonijiet rari/speċifiċi" kif ukoll billi jiġi indikat li ma kien hemm l-ebda inċident irrapportat;

Ġustifikazzjoni

*Il-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa u għalhekk dawn l-elementi qarrieqa mhux biss għandhom jiġu evitati iżda assolutament ma għandhomx jintużaw.*

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttora**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/771, fil-każ ta' sejħa lura, l-operatur ekonomiku responsabbi għas-sejħa lura għandu joffri lill-konsumatur rimedju effettiv, mingħajr ħlas u f'waqtu. ***Dak ir-rimedju għandu jikkonsisti f'mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:***

*Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/771, fil-każ ta' sejħa lura, l-operatur ekonomiku responsabbi għas-sejħa lura għandu joffri lill-konsumatur rimedju effettiv, mingħajr ħlas u f'waqtu. ***Sabiex il-merkanzija tinġieb f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-konsumatur jista' jagħżel bejn wieħed minn dawn li ġejjin:***

Ġustifikazzjoni

*Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu bejn ir-rimedji kif inhu l-każ f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar il-konsumaturi.*

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. It-tiswija, ir-rimi jew il-qedda tal-prodott mill-konsumaturi għandha titqies biss bħala rimedju effettiv fejn tkun tista' titwettaq faċilment u b'mod sikur mill-konsumatur. F'każijiet bħal dawn, l-operatur ekonomiku responsabbli għas-sejħa lura għandu jipprovd i lill-konsumaturi bl-istruzzjonijiet meħtieġa u/jew, fil-każ ta' awtotiswija, b'parts tal-bdil bla ħlas jew b'aġġornamenti tas-software.

*Emenda*

2. It-tiswija, ir-rimi jew il-qedda tal-prodott mill-konsumaturi għandha titqies biss bħala rimedju effettiv fejn tkun tista' titwettaq faċilment u b'mod sikur mill-konsumatur. F'każijiet bħal dawn, l-operatur ekonomiku responsabbli għas-sejħa lura għandu jipprovd i lill-konsumaturi bl-istruzzjonijiet meħtieġa u/jew, fil-każ ta' awtotiswija, b'parts tal-bdil bla ħlas jew b'aġġornamenti tas-software ***inklużi r-riskji potenzjali kif ukoll il-konsegwenzi tagħhom.***

Ġustifikazzjoni

*Il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati tajjeb meta jwettqu tiswijiet huma stess.*

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – paragrafu 2a (new)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Id-dritt għal rimedju stabbilit f'dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 85/374/KEE.**

Ġustifikazzjoni

*Din iż-żieda tiċċara li anke meta l-konsumaturi jirċievu rimedju għal prodott imsejjaħ lura skont ir-Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (GPSR), id-dritt tagħhom li jitkolbu kumpens għad-danni skont id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti ma jiġix affettwat.*

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt d**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) nuqqas ta' konformità mal-obbligi

(d) nuqqas ta' konformità mal-obbligi

tat-traċċabbiltà u ta' informazzjoni tal-operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 18 u **19**;

tat-traċċabbiltà u ta' informazzjoni tal-operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 18, **19** u **20**;

#### Emenda 140

##### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 8a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*8a. fejn il-penali jkopru biss ammont baxx.*

#### Emenda 141

##### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Sa [daħħal id-data ġħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari jekk dan ir-Regolament laħaqx l-objettiv li titjieb il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra prodotti perikolużi *filwaqt li jqis l-impatt tiegħu fuq in-neozzji u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u medji.*

1. Sa [daħħal id-data ġħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari jekk dan ir-Regolament laħaqx l-objettiv li titjieb il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra prodotti perikolużi *b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tat-traċċabbiltà, il-livell u l-funzjonament tas-sorveljanza tas-suq, ix-xogħol ta' standardizzazzjoni, il-funzjonament tas-Safety Gate, l-isfidi ppreżentati minn teknoloġiji ġodda u mis-swiegħ online.*

#### Ġustifikazzjoni

*L-evalwazzjoni għandha tkopri speċifikament xi wħud mill-aktar aspetti rilevanti għas-sikurezza tal-konsumatur.*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0346 – C9-0245/2021 – 2021/0170(COD)
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 13.9.2021
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 13.9.2021
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	René Repasi 2.2.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	Evelyne Gebhardt
<b>Eżami fil-kumitat</b>	28.10.2021                  1.12.2021
<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.3.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 21 0 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Manon Aubry, Gunnar Beck, Ilana Cicurel, Geoffroy Didier, Pascal Durand, Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospišil, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Marie Toussaint, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Patrick Breyer, Daniel Buda, Caterina Chinnici, Heidi Hautala, René Repasi, Nacho Sánchez Amor, Stéphane Séjourné

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>21</b>	<b>+</b>
PPE	Pascal Arimont, Daniel Buda, Geoffroy Didier, Jiří Pospíšil, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
S&D	René Repasi, Franco Roberti, Nacho Sánchez Amor, Lara Wolters, Tiemo Wölken
Renew	Ilana Cicurel, Pascal Durand, Stéphane Séjourné, Adrián Vázquez Lázara
ID	Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton
Verts/ALE	Patrick Breyer, Marie Toussaint
ECR	Raffaele Stanganelli

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>1</b>	<b>0</b>
ID	Gunnar Beck,

It-tifsira tas-simboli:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjonijiet